Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0362(COD)

6.7.2026

EMENDI
337 - 595

Abbozz ta' rapport
Damian Boeselager
(PE787.037v01-00)

Emenda tad-Direttivi (UE) 2016/2341 u 2016/97 fir-rigward tat-tisħiħ tal-qafas għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0842 – 2025/0362(COD))

Emenda 337
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.;	

Or. en

Emenda 338
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.;	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafi 1c u 1d jittrasferixxu l-qafas ta' adegwatezza individwali tal-MiFID II f'kuntest kollettiv ta' pensjoni okkupazzjonali fejn l-eliċitazzjoni tal-preferenzi individwali ma tkunx operazzjonalment fattibbli. Ir-riflessjoni tal-preferenzi tal-membri diżaggregati fl-iskemi kollettivi b'benefiċċji definiti tmur kontra l-istruttura fundamentali tagħhom. Id-definizzjonijiet jagħmlu kontroreferenza għad-dispożizzjonijiet tal-SFDR li bħalissa qed jiġu riveduti, u joħolqu inċertezza legali.

Emenda 339
Dirk Gotink

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:	***imħassar***
(a) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minimu għandu jiġi investit f'investimenti ambjentalment sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (1), tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;	
(b) strument finanzjarju li għalih il-konsumatur jew il-konsumatur potenzjali jiddetermina li proporzjon minu għandu jiġi investit f'investimenti sostenibbli kif definit fl-Artikolu 2, punt (17), tar-Regolament (UE) 2019/2088;	
(c) strument finanzjarju li jqis l-impatti avversi prinċipali fuq il-fatturi ta' sostenibbiltà, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2019/2088, meta l-klijent jew il-klijent potenzjali jiddetermina l-elementi kwalitattivi jew kwantitattivi li juru li l-kunsiderazzjoni.;	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-IORPs għandhom jibqgħu liberi li jiddeċiedu kif ikejlu l-preferenzi ta' sostenibbiltà, peress li dan mhuwiex dwar għażliet ta' investiment individwali fil-każijiet kollha (jista' jkun ukoll kollettiv).

Emenda 340
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1c,*** il-preferenzi ***ta' sostenibbiltà*** għandhom ***ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva,*** sa ***liema punt, wieħed jew aktar mill-istrumenti*** finanzjarji ***li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:***	1d. ***L-IORP għandha tippubblika r-riżultati aggregati tal-istħarriġ u tispjega kif dawk ir-riżultati ġew riflessi fil-politika ta' investiment. Ma għandha tiġi imposta l-ebda allokazzjoni minima għal investimenti ekoloġiċi jew orjentati lejn l-ambjent.*** Il-preferenzi ***espressi*** għandhom ***jiġu implimentati biss*** sa ***fejn dan ikun kompatibbli mal-prinċipju tal-"persuna prudenti", in-natura u d-durata tar-responsabbiltajiet u d-dmir prevalenti ta' azzjoni fl-aħjar interessi*** finanzjarji ***tal-membri u tal-benefiċjarji. Meta l-istħarriġ ma jurix preferenza ċara, l-IORP ma għandhiex tkun meħtieġa tistabbilixxi allokazzjoni speċifika għal investimenti bħal dawn.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipanti, aktar milli r-regolaturi jew il-maniġers tal-IORP, għandhom jiddeterminaw jekk it-tfaddil għall-pensjoni tagħhom jistax jintuża għal investimenti ekoloġiċi u l-allokazzjoni massima permissibbli. L-approċċ jirrispetta l-għażla tal-parteċipanti mingħajr ma joħloq kwota obbligatorja ta' investiment ekoloġiku.

Emenda 341
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt***, wieħed jew aktar mill-istrumenti finanzjarji li ġejjin għandhom jiġu integrati fl-investiment tiegħu jew tagħha:***	1d. Għall-finijiet tal-paragrafu 1c, il-preferenzi ta' sostenibbiltà għandhom ifissru d-deċiżjoni ta' membru, benefiċjarju, jew membru prospettiv dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt***. L-IORP għandha tinvesti f'konformità mal-kategoriji kif stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9 ta' [ir-Regolament (UE) 2019/2088 Rivedut)].***

Or. en

Emenda 342
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt bb (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(bb) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:
4. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu lill-IORPs reġistrati jew awtorizzati fit-territorju tagħhom jinvestu f'kategoriji ***partikolari*** ta' assi.	***"***4. L-Istati Membri ma għandhomx jirrikjedu lill-IORPs reġistrati jew awtorizzati fit-territorju tagħhom jinvestu f'kategoriji ***jew tipi speċifiċi*** ta' assi ***u ma għandhomx jintroduċu mandati ġeografiċi jew mandati oħra u ammonti minimi għal investimenti mill-IORPs****."*

Or. en

(32016L2341)

Emenda 343
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c − parti introduttorja
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) paragrafu 6	(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
F'konformità ***mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi*** 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti***, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom,*** biex ***jistabbilixxu*** regoli aktar dettaljati, ***sakemm dawn ikunu*** prudentement ġustifikati.	F'konformità ***mal-paragrafi*** 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti biex ***tistabbilixxi*** regoli aktar dettaljati ***dwar l-investiment***, ***dment li dawk ir-regoli jkunu individwalment u*** prudentement ġustifikati***, ibbażati fuq ir-riskju u proporzjonati***.
Tali regoli ***għandhom japplikaw biss meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, l-IORPs ma għandhomx jinżammu milli:***	Tali regoli ***ma għandhomx jirrikjedu li IORP tinvesti proporzjon minimu jew massimu fiss tal-portafoll tagħha f'assi, klassi ta' assi, munita, settur, emittent, żona ġeografika, veikolu ta' investiment jew strument partikolari marbut ma' programm ta' politika pubblika. IORP lanqas ma għandha tkun meħtieġa tinvesti fi strumenti maħruġa jew garantiti mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew ippruvduti permezz ta' fond jew programm partikolari tal-Unjoni jew nazzjonali.***
(a) jinvestu sa 70 % tal-assi li jkopru provvedimenti tekniċi jew tal-portafoll sħiħ għal skemi li fihom il-membri jġorru r-riskji ta' investiment f'ishma, titoli negozjabbli ttrattati bħala ishma u bonds korporattivi ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, jew permezz ta' MTFs jew OTFs, u jiddeċiedu dwar il-piż relattiv ta' dawk it-titoli fil-portafoll tagħhom ta' investiment;	***It-tieni subparagrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal miżuri prudenzjali individwali meħtieġa biex jiġu indirizzati konċentrazzjoni identifikata u materjali, il-likwidità, id-diskrepanza fil-munita, ir-riskju ta' kontroparti jew ta' impriża sponsor.***
(b) jinvestu sa 30 % tal-assi li jkopru provvedimenti tekniċi f'assi denominati f'muniti għajr dawk li fihom huma espressi l-obbligazzjonijiet;	
(c) jinvestu fi strumenti li għandhom orizzont tal-investiment ta' terminu twil u	

li mhumiex innegozjati fi swieq regolati, f'MTFs jew f'OTFs;

(d) jinvestu fi strumenti maħruġa jew iggarantiti mill-BEI u previsti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil, il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej u l-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjonijiet tal-investiment għandhom isegwu l-prinċipju tal-"persuna prudenti" u ċ-ċirkostanzi ta' kull skema tal-pensjoni. Il-kwoti statutorji u t-trattament privileġġat għal veikoli ta' investiment partikolari tal-Unjoni joħolqu r-riskju li jfixklu l-portafolli u jnaqqsu r-redditi.

Emenda 344
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.	***Soġġetti għad-dispożizzjonijiet*** tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.

Or. en

Emenda 345
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu ***jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti***, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, ***biex*** jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.	F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-setgħa tat-tfassil tar-regoli għandha ssir direttament mal-Istati Membri, u mhux mal-NCAs.

Emenda 346
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, ***sakemm dawn ikunu*** prudentement ġustifikati.	F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, ***biss meta jkunu jistgħu juru li tali miżuri huma strettament meħtieġa, proporzjonati u*** prudentement ġustifikati ***u li ma jikkontradux ir-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 347
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – Paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.	F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5, l-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtorità kompetenti, għall-IORPs awtorizzati fit-territorji tagħhom, biex jistabbilixxu regoli aktar dettaljati, ***inkluż, fejn xieraq, rekwiżiti kwantitattivi*** sakemm dawn ikunu prudentement ġustifikati.

Or. es

Emenda 348
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – Paragrafu 6 – Subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tali regoli għandhom japplikaw biss meta r-riskju tal-investiment jiġġarrab mill-membri u l-benefiċjarji. Madankollu***, f'każijiet bħal dawn***, l-IORPs ma għandhomx jinżammu milli:	Meta ***l-Istati Membri jżommu jew jintroduċu ċerti regoli, dawk ir-regoli ma għandhomx jirrestringu bla bżonn investimenti fit-tul debitament ġustifikati, inklużi investimenti fi klassijiet ta' assi alternattivi jew inqas likwidi, dment li tali investimenti jkunu konsistenti mal-prinċipju tal-prudenza, ma' ġestjoni tar-riskju xierqa u man-natura u d-durata tal-impenji tal-pensjonijiet tal-IORP.*** Madankollu, l-IORPs ma għandhomx jinżammu milli:

Or. es

Emenda 349
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt ca

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-investiment f'Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil, Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej u Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju kif ukoll fi kwalunkwe fond ta' ekwità fit-tul ieħor li jikkondividi karatteristiċi simili;

Or. en

Emenda 350
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jinvestu fi strumenti maħruġa jew iggarantiti mill-BEI ***u previsti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil, il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej u l-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju.";***	(d) investiment fi strumenti li jinħarġu jew jiġu ggarantiti mill-BEI ***jew mill-banek promozzjonali nazzjonali***

Or. en

Emenda 351
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jinvestu fi strumenti maħruġa jew iggarantiti mill-BEI u previsti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi***, il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil, il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej u l-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju****.;*	(d) jinvestu fi strumenti maħruġa jew iggarantiti mill-BEI u previsti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Or. en

Emenda 352
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) (d) investiment f'Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju, Fondi Ewropej ta' Investiment fuq Terminu Twil u Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej kif ukoll fi kwalunkwe fond ta' ekwità fit-tul ieħor b'karatteristiċi simili

Or. en

Emenda 353
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jkun possibbli, l-IORPS għandhom jikkunsidraw li jinvestu f'Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil, Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali

Ewropej u Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju kif ukoll fi kwalunkwe fond ta' ekwità fit-tul ieħor li jikkondividi karatteristiċi simili.

Sabiex l-IORPs jiġu mħeġġa jinvestu f'assi produttivi u jiksbu diversifikazzjoni xierqa fis-swieq kollha, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jipprovdu, fejn rilevanti, spjegazzjoni ta' livell għoli tal-approċċ ta' investiment tagħhom fir-rigward ta' investimenti fl-ekwità fit-tul u strateġiji ta' diversifikazzjoni bbażati fuq in-natura, l-iskala u l-kumplessità tagħhom.

Meta l-IORPs ikollhom skopertura limitata jew l-ebda skopertura għal assi produttivi, għandhom jiddeskrivu jekk għandhomx l-intenzjoni li jiżviluppaw aktar l-oqfsa ta' governanza u ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom biex jappoġġaw portafoll aktar diversifikat u ġestjoni tajba tal-attiv u l-passiv. Meta jkun xieraq, dan jista' jinkludi kunsiderazzjoni ta' arranġamenti li jsaħħu l-effiċjenza, bħal strutturi ta' investiment raggruppati, esternalizzazzjoni jew mekkaniżmi ta' trasferiment li għandhom l-għan li jtejbu l-iskala u d-diversifikazzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet ta' spjegazzjoni mħejjija fil-kuntest ta' dan il-paragrafu ma għandhomx jirrikjedu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Or. en

Emenda 354
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt d − parti introduttorja
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) ***jitħassru l-paragrafi*** 7 ***u 8***;	(d) ***jitħassar il-paragrafu*** 7;

Or. en

Emenda 355
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt db (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(db) Il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li gej:
8. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' IORP li twettaq attività transfruntiera kif imsemmi fl-Artikolu 11 ma għandhiex tistabbilixxi ***regoli*** tal-investiment apparti dawk stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ***għall-parti tal-assi li tkopri l-provvedimenti tekniċi għall-attività*** transfruntiera.	***"***8. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ta' IORP li twettaq attività transfruntiera kif imsemmi fl-Artikolu 11 ma għandhiex tistabbilixxi ***l-ebda regola*** tal-investiment***, jew rekwiżit ieħor li jkollu effett ekwivalenti fuq il-kompożizzjoni tal-assi,*** apparti dawk stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6***, fir-rigward ta' dik l-attività*** transfruntiera.***"***

Or. en

(32016L2341)

Emenda 356
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:
	Artikolu 19a
	Primazija tal-interessi finanzjarji tal-membri u tal-benefiċjarji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politika tal-investiment ta' IORP ikollha bħala l-objettiv primarju u prevalenti tagħha biss fl-aħjar interessi fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji, filwaqt li jitqiesu s-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità, il-profittabbiltà, id-diversifikazzjoni u n-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet.

2. L-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi tal-Unjoni ma għandhomx jirrikjedu, jidderieġu jew inkella jinduċu IORP biex tinvesti f'settur, impriża, teknoloġija, proġett, żona ġeografika, klassi ta' assi jew strument finanzjarju partikolari jew tagħti trattament preferenzjali lilhom.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux jipprevjeni lil IORP milli tagħmel investiment bħal dan meta l-IORP tiddetermina b'mod indipendenti, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet finanzjarji, li l-investiment: a) jikkonforma mal-prinċipju tal-"persuna prudenti"; b) ikun kompatibbli man-natura u d-durata tal-obbligazzjonijiet tiegħu; u c) huwa fl-aħjar interessi finanzjarji tal-membri u l-benefiċjarji tiegħu.

4. L-ebda objettiv ta' ordni pubbliku ma għandu jipprevali fuq id-dmirijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tistabbilixxi ġerarkija ċara tad-dmirijiet. Il-qligħ mill-pensjonijiet u l-interessi ta' dawk li jfaddlu jridu jipprevalu fuq l-objettivi politiċi.

Emenda 357
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik is-sistema ta' governanza għandha tiżgura li l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza relatati ma' assi ta' investiment jiġu kkunsidrati f'deċiżjonijiet ta' investiment u għandha tkun soġġetta għal rieżamijiet interni regolari.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti ta' governanza għandhom jiffukaw fuq il-ġestjoni tajba, il-kontrolli interni, il-kunflitti ta' interess u r-riskju finanzjarju. Il-kunsiderazzjoni obbligatorja tal-ESG tintroduċi kriterji politiċi f'qafas ta' governanza prudenzjali.

Emenda 358
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu u japplikaw politiki bil-miktub fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll intern, l-awditjar intern***, ir-remunerazzjoni*** u, fejn rilevanti, l-attivitajiet attwarjali u esternalizzati, u li dawk il-politiki jiġu implimentati. Dawn il-politiki bil-miktub għandhom jiġu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel min-naħa tal-korp maniġerjali jew superviżorju tal-IORP u għandhom jiġu sottomessi għal rieżami mill-inqas kull 3 snin u adattati fid-dawl ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistema jew fil-qasam ikkonċernat(a).	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu u japplikaw politiki bil-miktub fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju, il-kontroll intern, l-awditjar intern u, fejn rilevanti, l-attivitajiet attwarjali u esternalizzati, u li dawk il-politiki jiġu implimentati. Dawn il-politiki bil-miktub għandhom jiġu soġġetti għall-approvazzjoni minn qabel min-naħa tal-korp maniġerjali jew superviżorju tal-IORP u għandhom jiġu sottomessi għal rieżami mill-inqas kull 3 snin u adattati fid-dawl ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fis-sistema jew fil-qasam ikkonċernat(a).

Or. en

Emenda 359
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jkollhom fis-seħħ sistema effikaċi ta' kontroll intern. ***Din is-sistema għandu jkollha proċeduri amministrattivi u ta' kontabbiltà, qafas ta' kontroll intern, u arranġamenti xierqa ta' rapportar fil-livelli kollha tal-IORP u funzjoni ta' konformità.;***	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jkollhom fis-seħħ sistema effikaċi ta' kontroll intern.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għal sistema effettiva ta' kontroll intern huwa stabbilit b'mod xieraq bħala standard tal-eżitu bbażat fuq il-prinċipji. Il-preskrizzjoni tal-komponenti speċifiċi tagħha fil-livell tal-Unjoni tieħu preċedenza fuq ir-reġim ta' proporzjonalità, li skontu l-arkitettura ta' governanza għandha tirrifletti d-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità ta' kull IORP.

Emenda 360
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4a. Il-funzjoni permanenti ta' konformità għandha tinkludi l-għoti ta' pariri lill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju dwar il-konformità mal-liġi, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi adottati taħt din id-Direttiva. Għandha tivvaluta wkoll l-impatt possibbli ta' kull bidla fis-sitwazzjoni legali fuq l-operat tal-IORP	***imħassar***

ikkonċernata u għandha tidentifika u tivvaluta r-riskju ta' konformità.

Or. en

Emenda 361
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess bejn il-korpi maniġerjali, dawk superviżorji, amministrattivi jew ta' obbligu ta' rendikont ta' IORP. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna waħda tista' fl-istess ħin tkun membru biss ta' wieħed minn dawn il-korpi, u mhux ta' diversi korpi relatati ma' IORP waħda fl-istess ħin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-membri u tal-benefiċjarji fl-IORPs, huwa importanti li jiġu evitati kunflitti ta' interess (id-dehra tagħhom). Waħda mir-raġunijiet li l-Istati Membri jsibuha diffiċli biex jiżviluppaw sistemi ta' pensjonijiet iffinanzjati u IORPs hija minħabba li ċ-ċittadini spiss ma jafdawx lill-entitajiet privati bil-flus u l-pensjonijiet tagħhom. Għalhekk huwa importanti li jkun hemm separazzjoni ċara bejn l-interessi u l-persuni li jiġġestixxu u jissorveljaw IORP, biex jiġi ssalvagwardjat li l-interess tal-membri u tal-benefiċjarji jkun tabilħaqq ċentrali fil-governanza ta' IORP.

Emenda 362
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 21 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jiddefinixxu sett wiesa' ta' kwalitajiet u kompetenzi meta jagħżlu membri fil-korp maniġerjali jew superviżorju, u jiżguraw rappreżentanza bbilanċjata ta' nisa u rġiel.	***imħassar***
L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fil-korp ta' maniġment jew superviżjoni. Dik il-politika għandha tikkunsidra, fejn rilevanti, li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jkun jinkludi rappreżentanti tas-sħab soċjali, u tiġi applikata b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.	
L-Istati Membri għandhom jeżiġu wkoll li l-politika tistabbilixxi objettivi kwantitattivi individwali relatati mal-bilanċ bejn il-ġeneri b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs. L-objettiv għandu jikkunsidra l-membri tal-korp maniġerjali jew superviżorju li jintgħażlu mill-isponsor tal-IORP u ma għandux japplika għall-IORPs meta l-għadd ta' membri tal-korp maniġerjali jew superviżorju li jintgħażlu mill-isponsor tal-IORPs ikun tlieta jew inqas.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kompożizzjoni tal-korp maniġerjali jew superviżorju ta' IORP għandha tkun ibbażata fuq il-kompetenza, l-esperjenza, l-integrità u l-arranġamenti miftiehma bejn is-sħab soċjali u l-isponsors. L-objettivi obbligatorji dwar il-ġeneru u r-rapportar pubbliku dwar il-ġeneru joħolqu obbligi mhux relatati mas-soliditá prudenzjali jew mal-eżiti tal-pensjoni.

Emenda 363
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fil-korp ta' maniġment jew superviżjoni. Dik il-politika għandha tikkunsidra, fejn rilevanti, li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jkun jinkludi rappreżentanti tas-sħab soċjali, u tiġi applikata b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.	***imħassar***

Or. en

Emenda 364
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fil-korp ta' maniġment jew superviżjoni. Dik il-politika għandha tikkunsidra, fejn rilevanti, li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jkun jinkludi rappreżentanti tas-sħab soċjali, u tiġi applikata b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.	L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs u, fejn applikabbli, il-kumitati tan-nomina rispettivi tagħhom, jistabbilixxu politika li tippromwovi d-diversità u l-inklużjoni fil-korp ta' maniġment jew superviżjoni. Dik il-politika għandha tikkunsidra, fejn rilevanti, li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jkun jinkludi rappreżentanti tas-sħab soċjali ***u rappreżentanti tal-membri u tal-benefiċjarji li mhumiex rappreżentati b'mod ieħor***, u tiġi applikata

	b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, ***ir-riskju,*** l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORPs.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sħubija fil-unions qed tonqos fost l-impjegati, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Għalhekk huwa importanti li jiġi ssalvagwardjat li l-membri u l-benefiċjarji ta' IORP jibqgħu jkunu rappreżentati biżżejjed fil-korpi maniġerjali u superviżorji.

Emenda 365
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jippubblikaw fir-rapporti annwali l-mira ta' rappreżentazzjoni tal-ġeneru bbilanċjata tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali jew superviżorju, il-politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali jew superviżorju u l-implimentazzjoni tagħha.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kompożizzjoni tal-korp maniġerjali jew superviżorju ta' IORP għandha tkun ibbażata fuq il-kompetenza, l-esperjenza, l-integrità u l-arranġamenti miftiehma bejn is-sħab soċjali u l-isponsors. L-objettivi obbligatorji dwar il-ġeneru u r-rapportar pubbliku dwar il-ġeneru joħolqu obbligi mhux relatati mas-solidità prudenzjali jew mal-eżiti tal-pensjoni.

Emenda 366
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 21 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jippubblikaw fir-rapporti annwali l-mira ta' rappreżentazzjoni tal-ġeneru bbilanċjata tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali jew superviżorju, il-politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru sottorappreżentat fil-korp maniġerjali jew superviżorju u l-implimentazzjoni tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 367
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 22 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) għall-persuni li effettivament imexxu l-IORP, dan ifisser li l-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom ikunu adegwati biex jippermettulhom jiżguraw ġestjoni adegwata u prudenti tal-IORP, li għandha tinkludi l-għarfien u l-kompetenzi li jippermettulhom jindirizzaw il-livelli differenti ta' riskju li l-membri u l-benefiċjarji huma esposti għalihom, skont in-natura tal-iskemi li huma parti minnhom;	(i) għall-persuni li effettivament imexxu l-IORP, dan ifisser li l-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza tagħhom ikunu ***kollettivament*** adegwati biex jippermettulhom jiżguraw ġestjoni adegwata u prudenti tal-IORP, li għandha tinkludi l-għarfien u l-kompetenzi li jippermettulhom jindirizzaw il-livelli differenti ta' riskju li l-membri u l-benefiċjarji huma esposti għalihom, skont in-natura tal-iskemi li huma parti minnhom; ***meta jkun rilevanti, il-valutazzjoni għandha tqis kif xieraq ir-rwol tas-sħab soċjali fil-governanza tal-IORP u d-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti tal-idoneità individwali għall-persuni kollha li effettivament imexxu IORP jeskludu r-rappreżentanti tas-sħab soċjali u jfixklu l-governanza stabbilita. Ir-rekwiżiti kollettivi tal-adegwatezza għandhom jirregolaw il-korpi kolleġġjali.

Emenda 368
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jevalwaw jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ***fuq bażi kontinwa***, u jekk hemmx xi kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u kif dawn jiġu evitati jew ġestiti.***;***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jevalwaw jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ***fil-mument tal-ħatra tagħhom u perjodikament wara dan f'intervalli li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità***, u jekk hemmx xi kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u kif dawn jiġu evitati jew ġestiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rekwiżit għal valutazzjoni "kontinwa" jmur lil hinn mis-sorveljanza superviżorja fil-ġestjoni operazzjonali, u joħloq inċertezza legali u piż amministrattiv sproporzjonat kemm għall-NCAs kif ukoll għall-IORPs. Ir-rivalutazzjoni perjodika f'intervalli stabbiliti fil-livell nazzjonali, ikkalibrata għad-daqs, in-natura u l-istruttura ta' governanza tal-IORP, hija suffiċjenti u konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Emenda 369
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-politika ta' remunerazzjoni ghandha tispeċifika l-forma ta' kif l-IORP tieħu kont tal-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-politiki ta' remunerazzjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jintegraw ir-riskji għas-sostenibbiltà jew jiġġeneraw rekwiżiti ta' rapportar u konformità relatati mal-ġeneru. Projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni u rekwiżit għal remunerazzjoni prudenti huma biżżejjed.

Emenda 370
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-politika ta' remunerazzjoni ghandha tispeċifika l-forma ta' kif l-IORP tieħu kont tal-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 371
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25

(UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-politika ta' remunerazzjoni għandha ***tispeċifika l-forma ta' kif l-IORP tieħu kont tal-integrazzjoni tar-riskji*** għas-sostenibbiltà***, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju***;	(h) il-politika ta' remunerazzjoni għandha ***tintegra r-riskji*** għas-sostenibbiltà ***u tispeċifika kif dawn jitqiesu***;

Or. en

Emenda 372
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-politika ta' remunerazzjoni għandha tispeċifika l-forma ta' kif l-IORP ***tieħu kont tal-integrazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (22), tar-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju***;	(h) il-politika ta' remunerazzjoni għandha tispeċifika l-forma ta' kif l-IORP ***tqis l-integrazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibbiltà***;

Or. en

Emenda 373
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji ***u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' paga ugwali għall-impjegati rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali għan-nisa u l-irġiel.;***	(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji

Or. en

Emenda 374
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji ***u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' paga ugwali għall-impjegati rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali għan-nisa u l-irġiel.***;	(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali huwa minqux fl-Artikolu 157 tat-TFUE u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha mingħajr traspożizzjoni permezz ta' leġiżlazzjoni superviżorja settorjali.

Emenda 375
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi ***u*** mhux diskriminatorji ***u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' paga ugwali għall-impjegati rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali għan-nisa u l-irġiel****.;*	(i) il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għandhom ikunu oġġettivi***,*** mhux diskriminatorji ***u konsistenti ma' ġestjoni tar-riskju soda u prudenti u mal-interessi finanzjarji fit-tul tal-membri u tal-benefiċjarji****.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-politiki ta' remunerazzjoni ma għandhomx ikunu meħtieġa jintegraw ir-riskji għas-sostenibbiltà jew jiġġeneraw rekwiżiti ta' rapportar u konformità relatati mal-ġeneru. Projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni u rekwiżit għal remunerazzjoni prudenti huma biżżejjed.

Emenda 376
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28 – punt b – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 28 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) valutazzjoni tal-ekonomiji ta' skala u tal-għażliet ta' effiċjenza, inkluża l-parteċipazzjoni fi strutturi ta' investiment akkomunati, servizzi jew trasferimenti kondiviżi, u tal-impatt tagħhom fuq il-membri u l-benefiċjarji.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsolidazzjoni tal-IOPRs ma għandhiex tkun l-għan ta' valutazzjoni tar-riskju.

Emenda 377
Dirk Messner

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 28b (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(28b) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:
30. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom tipprepara u, tal-anqas darba kull tliet snin, teżamina mill-ġdid dikjarazzjoni bil-miktub tal-prinċipji tal-politika ta' investiment. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun riveduta mingħajr dewmien wara kull bidla sinifikanti fil-politika ta' investiment. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li din id-dikjarazzjoni jkun fiha, tal-anqas, kwistjonijiet bħalma huma l-metodi tal-kejl tar-riskju ta' investiment, il-proċessi implimentati tal-immaniġġjar tar-riskji u l-allokazzjoni strateġika tal-assi fir-rigward tan-natura u t-tul ta' żmien tal-obbligazzjonijiet tal-pensjoni u kif il-politika ta' investiment tqis fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza. Id-dikjarazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.	***"***30. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP reġistrata jew awtorizzata fit-territorji tagħhom tipprepara u, tal-anqas darba kull tliet snin, teżamina mill-ġdid dikjarazzjoni bil-miktub tal-prinċipji tal-politika ta' investiment. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun riveduta mingħajr dewmien wara kull bidla sinifikanti fil-politika ta' investiment. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li din id-dikjarazzjoni jkun fiha, tal-anqas, kwistjonijiet bħalma huma l-metodi tal-kejl tar-riskju ta' investiment, il-proċessi implimentati tal-immaniġġjar tar-riskji u l-allokazzjoni strateġika tal-assi fir-rigward tan-natura u t-tul ta' żmien tal-obbligazzjonijiet tal-pensjoni u kif il-politika ta' investiment tqis fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza. Id-dikjarazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ***u tiġi pprovduta direttament lill-membri u lill-benefiċjarji****."*

Or. en

(32016L2341)

Emenda 378
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 30 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Ir-rapport għandu jiġi adottat mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-IORP. ***Meta IORP timmaniġġja skemi ta' pensjoni differenti,*** għal kull ***waħda minnhom*** għandhom jitħejjew rapporti separati tal-politika ta' investiment.	Ir-rapport għandu jiġi adottat mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-IORP. Għal kull ***skema ta' pensjoni li topera skont politika ta' investiment differenti,*** għandhom jitħejjew rapporti separati tal-politika ta' investiment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Kummissjoni jkun jirrikjedi Dikjarazzjoni separata tal-Prinċipji tal-Politika ta' Investiment għal kull skema ta' pensjoni operata minn IORP b'diversi skemi, irrispettivament minn jekk l-istrateġiji ta' investiment sottostanti jkunux differenti. Għal istituzzjonijiet żgħar marbuta ma' sponsorizzazzjoni li jamministraw diversi ġenerazzjonijiet ta' tariffi fl-ambitu ta' politika unika ta' investiment, dan joħloq duplikazzjoni amministrattiva sproporzjonata mingħajr ebda benefiċċju evidenti għall-membri. L-emenda tikkoreġi nuqqas ta' preċiżjoni fl-abbozzar mingħajr ma tbiddel xi obbligu sostantiv.

Emenda 379
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs li jesternalizzaw funzjonijiet ewlenin, l-immaniġġjar ta' dawk l-IORPs, jew attivitajiet oħra koperti minn din id-Direttiva jidħlu fi ftehim bil-miktub legalment infurzabbli mal-fornitur ta' servizz. ***Ftehim bħal dan għandu jinkludi diżaggregazzjoni tal-kostijiet diretti u indiretti u għandu jiddefinixxi b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-IORP u tal-fornitur tas-servizzi.*** F'każ ta' kunflitt ta' interess potenzjali mal-fornitur tas-servizzi, l-IORPs għandhom jiddokumentaw u jimplimentaw proċeduri għall-prevenzjoni jew għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.;	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs li jesternalizzaw funzjonijiet ewlenin, l-immaniġġjar ta' dawk l-IORPs, jew attivitajiet oħra koperti minn din id-Direttiva jidħlu fi ftehim bil-miktub legalment infurzabbli mal-fornitur ta' servizz. F'każ ta' kunflitt ta' interess potenzjali mal-fornitur tas-servizzi, l-IORPs għandhom jiddokumentaw u jimplimentaw proċeduri għall-prevenzjoni jew għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.;

Or. en

Emenda 380
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 31 – Paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) ***jitħassar il-paragrafu*** *7.*	c) ***7. L-esternalizzazzjoni ta' funzjonijiet jew attivitajiet ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà aħħarija tal-IORP jew l-awtonomija tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tagħha fit-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi fl-aħjar interessi tal-membri u l-benefiċjarji.*** ***L-esternalizzazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rekwiżit biex jinkisbu ekonomiji ta' skala jew bħala bażi biex ikunu meħtieġa, direttament jew indirettament, il-konsolidazzjoni, il-fużjoni, it-trasferiment jew il-bidla tal-mudell ta' governanza ta' IORP.*** ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti għall-esternalizzazzjoni jiġu applikati b'mod proporzjonat, filwaqt li jitqiesu n-natura, id-daqs, l-organizzazzjoni interna, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.***

Or. es

Emenda 381
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.	***imħassar***
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-IORP jew, fejn applikabbli, l-entità awtorizzata msemmija fl-Artikolu 2(1), ma għandhomx jaġixxu bħala depożitarju għal dik l-iskema.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħatra obbligatorja ta' kustodju wieħed hija superfluwa għall-IORPs. Il-kustodja diġà tiġi ttrattata mill-kustodji, u l-awditjar intern u s-superviżjoni esterna jkopru l-funzjonijiet ta' kontroll. Barra minn hekk, fondi kbar jaħdmu deliberatament ma' kustodji speċjalizzati multipli; ir-rekwiżit għal kustodju uniku jisforza ristrutturar li jiswa' ħafna flus. Dan iwassal għal kostijiet kontinwi u li jistgħu jiġu evitati li jżidu l-kostijiet tal-pagi permezz ta' primjums.

Emenda 382
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tirrikjedi li l-IORP taħtar	***imħassar***

depożitarju wieħed għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħatra obbligatorja ta' kustodju wieħed hija superfluwa għall-IORPs. Il-kustodja diġà tiġi ttrattata mill-kustodji, u l-awditjar intern u s-superviżjoni esterna jkopru l-funzjonijiet ta' kontroll. Barra minn hekk, fondi kbar jaħdmu deliberatament ma' kustodji speċjalizzati multipli; ir-rekwiżit għal kustodju uniku jisforza ristrutturar li jiswa' ħafna flus. Dan iwassal għal kostijiet kontinwi u li jistgħu jiġu evitati li jżidu l-kostijiet tal-pagi permezz ta' primjums.

Emenda 383
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***għandha*** tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.	Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***tista'*** tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed ***jew diversi depożitarji*** għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi IORPs għandhom arranġamenti ma' banek kustodji, li diġà jipprovdu s-salvagwardja tal-assi. Li depożitarju jsir obbligatorju joħloq piż żejjed bla bżonn.

Emenda 384
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***għandha*** tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.	Fil-każ ta' skema ta' pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ***tista'*** tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed ***jew aktar depożitarji*** għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f'konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħatra obbligatorja ta' depożitarju mhijiex meħtieġa għall-IORPs. Il-fondi tal-pensjonijiet huma fundamentalment differenti mill-prodotti ta' investiment bl-imnut bħall-UCITS. L-UCITSs għandhom influssi u tifdijiet ta' kuljum, li jirrikjedu kalkoli ta' kuljum tal-Valur tal-Assi Netti. Is-salvagwardja tal-assi hija diġà żgurata permezz ta' arranġamenti ma' banek kustodji.

Emenda 385
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta’ skema ta’ pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju għandha tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju wieħed ***għal kull skema ta’ pensjoni*** għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta’ sorveljanza f’konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f’konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta’ sorveljanza f’konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.	Fil-każ ta’ skema ta’ pensjoni fejn il-membri u l-benefiċjarji jġorru r-riskju kollu tal-investiment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ domiċilju għandha tirrikjedi li l-IORP taħtar depożitarju ***tal-anqas*** wieħed għall-kustodja tal-assi u***, meta jkun rilevanti,*** għal dmirijiet ta’ sorveljanza f’konformità mal-Artikoli 34 u 35 jew, jekk l-IORP innifisha żżomm l-assi f’konformità mal-Artikolu 34(2), tirrikjedi li l-IORP ikollha fiduċjarju li jwettaq id-dmirijiet ta’ sorveljanza f’konformità mal-Artikolu 35 u jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-IORPs għandhom iżommu l-flessibbiltà li jaħtru aktar minn depożitarju wieħed, pereżempju meta depożitarji differenti jintużaw għal klassijiet ta’ assi differenti. Dan jirrifletti l-prattika eżistenti f’ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, meta IORP timmaniġġja diversi skemi ta’ pensjoni, għandu jkun possibbli li jintużaw l-istess arranġamenti depożitarji f’dawk l-iskemi, b’mod partikolari meta l-assi jinġabru flimkien jew jiġu ġestiti b’mod kollettiv.

Emenda 386
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-IORP jew, fejn applikabbli, l-entità awtorizzata msemmija fl-Artikolu 2(1), ma għandhomx jaġixxu bħala depożitarju għal dik l-iskema.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħatra obbligatorja ta' kustodju wieħed hija superfluwa għall-IORPs. Il-kustodja diġà tiġi ttrattata mill-kustodji, u l-awditjar intern u s-superviżjoni esterna jkopru l-funzjonijiet ta' kontroll. Barra minn hekk, fondi kbar jaħdmu deliberatament ma' kustodji speċjalizzati multipli; ir-rekwiżit għal kustodju uniku jisforza ristrutturar li jiswa' ħafna flus. Dan iwassal għal kostijiet kontinwi u li jistgħu jiġu evitati li jżidu l-kostijiet tal-pagi permezz ta' primjums.

Emenda 387
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-iskemi ta' pensjoni li fihom il-membri u l-benefiċjarji ma jġorrux ir-riskju tal-investiment kollu huma, l-Istat Membru ta' domiċilju jista' jeżiġi li l-IORP taħtar depożitarju għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi jew għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35.	2. Għall-iskemi ta' pensjoni li fihom il-membri u l-benefiċjarji ma jġorrux ir-riskju tal-investiment kollu huma, l-Istat Membru ta' domiċilju jista' jeżiġi li l-IORP taħtar ***tal-anqas*** depożitarju għal kull skema ta' pensjoni għall-kustodja tal-assi jew għall-kustodja tal-assi u għal dmirijiet ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikoli 34 u 35.

Or. en

Emenda 388
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għall-ħatra ***tad-depożitarju*** għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.	Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għall-ħatra ***ta' depożitarju*** għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.

Or. en

Emenda 389
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan il-paragrafu għall-IORPs li huma soġġetti għal rekwiżiti li jipprovdu livell ta' protezzjoni għall-membri u l-benefiċjarji komparabbli ma' dak stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Premessa 31 tal-proposta tal-Kummissjoni tiddikjara li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu l-miżuri eżistenti li jipprovdu livell ta' protezzjoni komparabbli mad-depożitarji. Madankollu, din il-possibbiltà mhijiex riflessa fl-Artikolu 33 emendat, li ma jinkludi l-ebda eżenzjoni li tikkorrispondi għall-premessa. Għalhekk għandha tiġi inkluża eżenzjoni nazzjonali.

Emenda 390
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 33 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw arranġamenti alternattivi minflok ma jirrikjedu li IORP taħtar depożitarju, dment li dawk l-arranġamenti kienu diġà fis-seħħ qabel ma din id-Direttiva daħlet

fis-seħħ u joffru livell ekwivalenti ta' protezzjoni.

Or. en

Emenda 391
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 35 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għad-dmirijiet ta' sorveljanza għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.;	1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għad-dmirijiet ta' sorveljanza ***ta' depożitarju*** għandu japplika kif xieraq il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2009/65/KE.;

Or. en

Emenda 392
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'kont meħud tan-natura tal-iskema ta' pensjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom li topera skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tipprovdi:	***Filwaqt li jqisu n-natura*** tal-iskema ta' pensjoni ***stabbilita, u l-ispeċifiċitajiet tal-provvista ta' pensjoni okkupazzjonali u tal-liġi soċjali, tax-xogħol u tat-taxxa nazzjonali rilevanti***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom li topera skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tipprovdi:

Or. en

Emenda 393
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) lill-membri: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikoli 37 sa 40, ***41a,*** 42 u 44; u	(b) lill-membri: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikoli 37 sa 40, 42 u 44; u

Or. en

Emenda 394
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) lill-benefiċjarji: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikoli 37, ***41a,*** 43 u 44.	(c) lill-benefiċjarji: mill-inqas l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikoli 37, 43 u 44.

Or. en

Emenda 395
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom li tipprovdi dawk il-prodotti għajr il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2019/1238, tipprovdi lill-faddala prospettivi u lill-faddala tal-pensjoni personali u lill-benefiċjarji informazzjoni li tkun ***ċara, ġusta, mhux qarrieqa, u xierqa għan-natura tal-prodott, għall-mezz ta' distribuzzjoni u għall-karatteristiċi tal-faddal jew tal-benefiċjarju. Dik l-informazzjoni għandha tiggarantixxi livell ta' trasparenza u protezzjoni*** ekwivalenti għal dak meħtieġ ***skont il-liġi*** nazzjonali għad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali minn entitajiet jew istituzzjonijiet oħra***, tal-anqas fir-rigward tal-elementi segwenti:***	Meta, skont il-liġi nazzjonali, l-IORPs ikunu awtorizzati jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom li tipprovdi dawk il-prodotti għajr il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2019/1238, tipprovdi lill-faddala prospettivi u lill-faddala tal-pensjoni personali u lill-benefiċjarji informazzjoni li tkun ekwivalenti***, fir-rigward tal-kontenut,*** għal dak meħtieġ ***bil-liġi*** nazzjonali għad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-pensjoni personali minn entitajiet jew istituzzjonijiet oħra***.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tat-test tiżgura rekwiżiti ugwali għal tipi differenti ta' entitajiet.

Emenda 396
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:	***imħassar***
4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.";	

Or. en

Emenda 397
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:	***imħassar***
4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-membri u l-benefiċjarji jeħtiġilhom jirċievu informazzjoni ċara, preċiża u trasparenti li tkun adattata għall-iskema tal-pensjoni speċifika. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni timxi lejn qafas aktar dettaljat u ċentralizzat għar-rekwiżiti ta' informazzjoni fil-livell tal-Unjoni, li mhuwiex konformi mal-approċċ flessibbli ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva IORP II. Ir-regoli ta' informazzjoni għandhom jibqgħu bbażati fuq il-prinċipji u jirrispettaw is-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet, inklużi skemi msejsa fuq ftehimiet kollettivi u rregolati jew innegozjati mis-sħab soċjali.

Emenda 398
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:	***imħassar***
4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 094/2010, dwar l-	

informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.";

Or. en

Emenda 399
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu (4) li ġej:	***imħassar***
4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-pensjoni okkupazzjonali huma inseparabbli mid-dritt nazzjonali tax-xogħol, dak soċjali u tat-taxxa, li jiddetermina liema informazzjoni hija sinifikattiva għall-membri f'kuntest ta' skema partikolari. Il-linji gwida tal-EIOPA dwar l-Artikoli 41, 42 u 43 jassimilaw l-istandards tal-informazzjoni fl-iskemi kollha b'mod progressiv, u b'hekk jipprevalu d-distinzjonijiet li l-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu. Ir-responsabbiltà primarja għall-politika ta' informazzjoni dwar il-pensjonijiet hija tal-Istati Membri. Din is-setgħa ma għandhiex post f'Direttiva ta' armonizzazzjoni minima u għalhekk għandha titħassar.

Emenda 400
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diversi dispożizzjonijiet jintroduċu kompiti ġodda għall-EIOPA, bħall-iżvilupp ta' linji gwida u/jew standards tekniċi. Aħna ma nappoġġawx dawn il-proposti, peress li mhumiex konsistenti man-natura ta' Direttiva ta' armonizzazzjoni minima. Barra minn hekk, l-EIOPA mhux dejjem tkun l-aktar korp xieraq biex iwettaq dawn il-kompiti.

Emenda 401
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassra b'rabta man-natura ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva IORP.

Emenda 402
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-EIOPA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar l-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-Artikoli 41, 42 u 43.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 403
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***fejn il-membri*** jġorru r-riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat ta' investimenti relatati mal-iskema ta' pensjoni għal mhux inqas minn 10 snin, jew għas-snin kollha li l-iskema tkun ilha topera meta t-tul ta' żmien ikun inqas minn 10 snin;;	(g) ***meta ma jkun hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u l-membri*** jġorru r-riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-passat ta' investimenti relatati mal-iskema ta' pensjoni għal mhux inqas minn 10 snin, jew għas-snin kollha li l-iskema tkun ilha topera meta t-tul ta' żmien ikun inqas minn 10 snin;;

Or. en

Emenda 404
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Fl-Artikolu 37, jiżdied il-paragrafu li ġej:

	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti tal-IORP jingħataw modulu ta' gwida standardizzat minimu, aċċessibbli b'mod diġitali jew stampat, li għandu jkun fih informazzjoni didattika, tal-anqas spjegazzjoni tal-kunċetti ewlenin relatati mal-finanzjament (jiġifieri l-kapital, ir-redditi fissi, ir-redditi varjabbli, il-fond u t-tipi ta' fond rilevanti għall-PEPP speċifiku, ir-riskju, ir-relazzjoni bejn ir-redditu u r-riskju, il-garanziji u oħrajn li jistgħu jitqiesu meħtieġa biex il-klijent ikollu fehim minimu tal-prodott u l-funzjonament tas-swieq finanzjarji) bl-użu, meta jkun xieraq, ta' studji tal-każ speċifiċi. Dan il-modulu ta' gwida standardizzat għandu jinħoloq b'mod konġunt mill-EIOPA u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u għandu jkun l-istess għall-UE kollha.

Or. en

Emenda 405
Marlena Mągf'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) jiddaħħal l-Artikolu 37a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 37a	
Sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jeżistu sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, dawn ikopru l-intitolamenti tal-pensjoni amministrati mill-IORPs.	
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa	

biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa f'format standardizzat, li jinqara mill-magni u interoperabbli li jippermetti lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet jaggregaw id-data dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati b'mod koerenti u komparabbli.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jibqgħu kompletament responsabbli li d-data trażmessa tkun kompluta u preċiża u għat-twettiq tal-obbligi kollha ta' komunikazzjoni previsti f'dan l-Artikolu.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma' dan l-Artikolu u jieħdu miżuri korrettivi meta l-IORPs ma jipprovdux informazzjoni kompluta, preċiża jew f'waqtha.

6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 38.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għall-Istati Membri li jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma' dan l-Artikolu u jieħdu azzjoni ta' rimedju meta l-IORPs ma jipprovdux informazzjoni kompluta, preċiża jew f'waqtha huwa piż amministrattiv eċċessiv għall-Istati Membri.

Emenda 406
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li***, meta jeżistu sistemi*** ta' traċċar tal-pensjonijiet***, dawn ikopru*** l-intitolamenti tal-pensjoni ***amministrati mill-IORPs***.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***tiġi stabbilita jew deżinjata sistema nazzjonali*** ta' traċċar tal-pensjonijiet***, inklużi, meta jkun applikabbli, sistemi stabbiliti jew operati abbażi ta' ftehimiet kollettivi jew ftehimiet bejn sħab soċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-organizzazzjoni tas-sistema tal-pensjonijiet tagħhom, inkluż ir-rwol tal-ftehimiet kollettivi u l-arranġamenti tas-sħab soċjali, l-IORPs, il-kategoriji tal-IORPs, l-iskemi tal-pensjoni u*** l-intitolamenti tal-pensjoni ***li għandhom jiġu koperti minn dik is-sistema. Meta jiddeterminaw dak il-kamp ta' applikazzjoni, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiżguraw l-aktar kopertura wiesgħa possibbli tal-IORPs, u li progressivament jestendu l-kamp ta' applikazzjoni bil-ħsieb li jkopru l-IORPs kollha maż-żmien***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżgurar li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet jagħti lin-nies aċċess aktar faċli għal informazzjoni ċara u komprensiva dwar l-introjtu tal-irtirar mistenni tagħhom fi tmiem il-ħajja tax-xogħol tagħhom. Din l-emenda tappoġġa kopertura wiesgħa tal-IORPs maż-żmien, filwaqt li tippreżerva l-flessibbiltà għall-Istati Membri biex jadattaw tali sistemi għall-istrutturi tal-pensjonijiet nazzjonali, għall-ftehimiet kollettivi u għar-rwol tas-sħab soċjali.

Emenda 407
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li, meta jeżistu sistemi*** ta' traċċar tal-pensjonijiet***, dawn ikopru*** l-intitolamenti tal-pensjoni amministrati mill-IORPs.	1. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu jew jiddeżinjaw sistema*** ta' traċċar tal-pensjonijiet ***li tkopri*** l-intitolamenti tal-pensjoni ***kollha*** amministrati mill-IORPs ***awtorizzati fit-territorju tagħhom***. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn is-sistemi nazzjonali ta' traċċar ikunu teknikament interoperabbli għal konnessjoni futura ma' servizz pan-Ewropew ta' traċċar tal-pensjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jinkludu, fis-sistema ta' traċċar, intitolamenti li jkopru l-pensjonijiet statutorji pubbliċi u l-pensjonijiet personali supplimentari volontarji, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli għal kull prodott speċifiku.***

Or. en

Emenda 408
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet***, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti***, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.

Or. en

Emenda 409
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs***, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni determinat mill-Istat Membru skont il-paragrafu 1,*** jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu ***koperti minn dak il-kamp ta' applikazzjoni u jkunu*** amministrati mill-IORP***, inklużа informazzjoni dwar il-kostijiet u l-imposti annwali mġarrba direttament jew indirettament mill-membri u mill-benefiċjarji matul it-12-il xahar preċedenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kostijiet u l-imposti annwali jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-valur finali tat-tfaddil għall-pensjoni maż-żmien. L-inklużjoni ta' din l-informazzjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet ittejjeb it-trasparenza, il-komparabbiltà u l-kapaċità tal-membri li jifhmu l-valur nett tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali tagħhom.

Emenda 410
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – Punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jittrażmettu lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, jekk tali sistemi jkunu ġew stabbiliti, l-informazzjoni kollha meħtieġa ***skont il-liġi nazzjonali*** biex il-membri u l-benefiċjarji jingħataw ħarsa ġenerali komprensiva, affidabbli u aġġornata tal-intitolamenti tal-pensjoni okkupazzjonali u personali tagħhom, sa fejn dawk l-intitolamenti jkunu amministrati mill-IORP.

Or. es

Emenda 411
Adnan Dibrani

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw liema komponenti għandhom jiġu inklużi fil-kostijiet u l-imposti annwali totali msemmija fil-paragrafu 2, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat u l-ħtieġa li jiġi żgurat livell adegwat ta' informazzjoni u trasparenza għall-membri u għall-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 412

Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – Punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa ***f'format standardizzat***, li jinqara mill-magni ***u interoperabbli li jippermetti lis-sistemi*** ta' traċċar tal-pensjonijiet ***jaggregaw id-data dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati b'mod koerenti u komparabbli***.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa ***f'konformità mal-formati u r-rekwiżiti stabbiliti fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiżguraw, fejn xieraq, li tkun tista'*** tinqara minn magna ***u tkun kompatibbli mal-funzjonament tas-sistema nazzjonali rispettiva*** ta' traċċar tal-pensjonijiet.

Or. es

Emenda 413
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa f'format standardizzat, li jinqara mill-magni u interoperabbli ***li jippermetti*** lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet jaggregaw id-data dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati b'mod koerenti u komparabbli.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi trażmessa f'format standardizzat, li jinqara mill-magni u interoperabbli***. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw bil-liġi nazzjonali l-format, l-istruttura u l-modalitajiet tekniċi ta' tali trażmissjoni biex jippermettu*** lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet jaggregaw id-data dwar id-drittijiet dovuti, il-kapital akkumulat u l-benefiċċji projettati b'mod koerenti u komparabbli.

Or. en

Emenda 414
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jibqgħu kompletament responsabbli li d-data trażmessa tkun kompluta u preċiża u għat-twettiq tal-obbligi kollha ta' komunikazzjoni previsti f'dan l-Artikolu.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs***, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ddeterminat mill-Istat Membru skont il-paragrafu 1,*** jibqgħu kompletament responsabbli li d-data trażmessa tkun kompluta u preċiża ***skont il-paragrafu 2*** u għat-twettiq tal-obbligi kollha ta' komunikazzjoni previsti f'dan l-Artikolu ***fir-rigward tal-intitolamenti tal-pensjoni koperti minn dak il-kamp ta' applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 415
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma'*** dan l-Artikolu ***u jieħdu miżuri korrettivi meta l-IORPs ma jipprovdux informazzjoni kompluta***, ***preċiża*** jew ***f'waqtha***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jkollhom sorveljanza xierqa tal-applikazzjoni ta'*** dan l-Artikolu***. Tali sorveljanza tista' tinkludi l-iffaċilitar tal-konformità u, meta jkun meħtieġ, l-involviment mal-IORPs bil-ħsieb li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet meta l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta b'mod komplut***, ***preċiż*** jew ***f'waqtu***.

Or. en

Emenda 416
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma' dan l-Artikolu u jieħdu miżuri korrettivi meta l-IORPs ma jipprovdux informazzjoni kompluta, preċiża jew f'waqtha.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma' dan l-Artikolu***, fil-kamp ta' applikazzjoni ddeterminat mill-Istat Membru skont il-paragrafu 1,*** u jieħdu miżuri korrettivi meta l-IORPs ***li jaqgħu f'dak il-kamp ta' applikazzjoni*** ma jipprovdux informazzjoni kompluta, preċiża jew f'waqtha.

Or. en

Emenda 417
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Mingħajr preġudizzju għall-objettiv fil-paragrafu 1 li l-kopertura tiġi estiża progressivament, meta s-sistemi nazzjonali eżistenti ta' traċċar tal-pensjonijiet diġà jipprovdu lill-membri u lill-benefiċjarji b'ħarsa ġenerali adegwata, affidabbli u aġġornata biżżejjed tal-intitolamenti tal-pensjoni amministrati mill-IORPs li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ddeterminat mill-Istat Membru skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti

tal-paragrafi 2 u 3 permezz ta' formati, strutturi u arranġamenti ta' trażmissjoni tad-data nazzjonali eżistenti, dment li dawk l-arranġamenti jiżguraw livell xieraq ta' trasparenza, aċċessibbiltà u komparabbiltà skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet itejbu t-trasparenza u jagħtu lill-membri u lill-benefiċjarji ħarsa ġenerali aktar ċara lejn l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom. F'konformità mal-approċċ ta' armonizzazzjoni minima flessibbli tad-Direttiva IORP II, l-Istati Membri b'sistemi nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb, inklużi dawk li jirriflettu ftehimiet kollettivi jew arranġamenti tas-sħab soċjali, ma għandhomx ikunu meħtieġa jfasslu mill-ġdid il-formati, l-istrutturi jew l-arranġamenti tat-trażmissjoni tad-data tagħhom.

Emenda 418
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	B'deroga, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li r-rwol tal-awtoritajiet kompetenti skont dan l-Artikolu ma japplikax, jew japplika b'mod modifikat, fir-rigward tas-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, dment li tali sistemi jiżguraw livell ekwivalenti ta' informazzjoni u trasparenza għall-membri u l-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 419
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – Punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 38.	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 420
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu38.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassra b'rabta man-natura ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva IORP.

Emenda 421
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu38.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 422
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 37a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-format u mal-istruttura stabbiliti fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 38.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 423
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li tinsab fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni tkun preċiża, aġġornata, konsistenti mal-għażliet magħmula u kompluta. Sabiex jiġi ffaċilitat	3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li tinsab fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni tkun preċiża, aġġornata, konsistenti mal-għażliet magħmula u kompluta. Sabiex jiġi ffaċilitat

il-fehim, l-informazzjoni ppreżentata għandha tkun strutturata f'kategoriji u ssegwi l-prinċipji ta' disinn tajjeb. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandu jkun disponibbli għal kull membru mingħajr ħlas ***fuq karta*** jew permezz ta' mezzi elettroniċi***, inkluż fuq mezz durabbli jew permezz ta' sit web, mill-inqas darba fis-sena, f'konformità mal-preferenza tal-membru***. ***Il-preferenza*** għandha ***tinkiseb mill-inqas fil-bidu tas-sħubija.;***	il-fehim, l-informazzjoni ppreżentata għandha tkun strutturata f'kategoriji u ssegwi l-prinċipji ta' disinn tajjeb. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandu jkun disponibbli għal kull membru mingħajr ħlas ***permezz tas-sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet imsemmija fl-Artikolu 37a*** jew permezz ta' mezzi elettroniċi ***oħra.*** Għandha ***tingħata kopja stampata mingħajr ħlas fuq talba ta' kwalunkwe membru jew benefiċjarju***.
	Or. en

Emenda 424
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – Paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li tinsab fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni tkun preċiża, aġġornata, konsistenti mal-għażliet magħmula u kompluta. Sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim, l-informazzjoni ppreżentata għandha tkun strutturata f'kategoriji u ssegwi l-prinċipji ta' disinn tajjeb. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandu jkun disponibbli għal kull membru mingħajr ħlas ***fuq karta jew*** permezz ta' mezzi elettroniċi***, inkluż fuq mezz durabbli jew permezz ta' sit web, mill-inqas darba fis-sena, f'konformità mal-preferenza*** tal-membru. ***Il-preferenza għandha tinkiseb mill-inqas fil-bidu tas-sħubija.***;	3. L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-informazzjoni li tinsab fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni tkun preċiża, aġġornata, konsistenti mal-għażliet magħmula u kompluta. Sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim, l-informazzjoni ppreżentata għandha tkun strutturata f'kategoriji u ssegwi l-prinċipji ta' disinn tajjeb. Ir-rapport tal-benefiċċju tal-pensjoni għandu jkun disponibbli mingħajr ħlas għal kull membru permezz ta' ***mezzi determinati mil-liġi nazzjonali, inkluż, fejn xieraq, permezz ta'*** mezzi elettroniċi***. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-informazzjoni tiġi pprovduta fuq karta fuq talba*** tal-membru ***jew fejn meħtieġ mil-liġi nazzjonali***;
	Or. es

Emenda 425

Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, René Repasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied il-paragrafu (6) li ġej:	***imħassar***
"6.	
Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandhom jiġu pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	
L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.	
Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473[1]*, u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.	
L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-	

Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

---

[*] ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/473/oj).";***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tirriskja li tintroduċi rekwiżiti dettaljati żżejjed tal-PBS fil-livell tal-UE, u dan jimmina l-armonizzazzjoni minima flessibbli tal-IORP II u jżid il-kostijiet mingħajr benefiċċji ċari. Bl-istess mod, l-EIOPA tat parir li l-format u l-istruttura tal-PBS għandhom jibqgħu għall-Istati Membri, peress li PBS standardizzat għall-UE jkun diffiċli li jiġi rrikonċiljat mal-mudelli nazzjonali u l-biċċa l-kbira taċ-ċittadini jirċievu PBS minn Stat Membru wieħed biss (EIOPA-BoS-23/341, pp. 125-126).

Emenda 426
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – Paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandhom jiġu pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	***(imħassar)***
L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.	
Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 [1]*, u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.	
L-EIOPA għandha tissottometti dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].	
Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu	

f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

---

[*] ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/473/oj)..***

Or. es

Emenda 427
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandhom jiġu pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	***imħassar***
L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-	

informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.

Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473*, u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.

L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

---

[1] **** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1, ELI:***

http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/473/oj).;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Li l-EIOPA tiġi inkariġata bl-iżvilupp ta' standards tekniċi regolatorji jmur lil hinn mill-armonizzazzjoni minima u jintroduċi grad ta' standardizzazzjoni li mhuwiex xieraq fil-kuntest tal-IORPs. Għalhekk din tonqos milli tqis l-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' pjanijiet tal-pensjoni, li għandhom għeruq fondi fil-kuntesti nazzjonali rispettivi tagħhom.

Emenda 428
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandhom jiġu pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	***imħassar***
L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.	

Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473*, u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.

L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

---

[*] ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/473/oj).;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nappoġġaw il-prinċipju ta' Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni (PBS). Madankollu, ninsabu mħassba li l-armonizzazzjoni tista' tagħmel il-PBS preskrittiv iżżejjed u tonqos milli tqis b'mod suffiċjenti l-ispeċifiċitajiet nazzjonali. Ninsabu mħassba wkoll li PBS armonizzat fl-UE b'dehra u sensazzjoni uniformi jista' jħeġġeġ lill-membri jqabblu d-dikjarazzjonijiet

bejn il-pajjiżi. Madankollu, l-ammonti murija mhumiex armonizzati f'termini tal-metodoloġija tal-kalkolu tagħhom u għalhekk mhumiex ġenwinament komparabbli. Għal din ir-raġuni, aħna nopponu l-introduzzjoni ta' mudell standardizzat ibbażat fuq mandat tal-EIOPA.

Emenda 429
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandhom jiġu pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu wkoll il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	***imħassar***
L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.	
Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473*, u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju	

tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.

L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

---

[*] ***Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473 tat-18 ta' Diċembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar id-dokumenti ta' informazzjoni, dwar il-kostijiet u t-tariffi inklużi fil-kost massimu u dwar tekniki dwar il-mitigazzjoni tar-riskju tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (ĠU L 99, 22.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/473/oj).;***

Or. en

Emenda 430
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni ***għandhom jiġu***	***L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw*** il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-

pprovduti lill-membri u lill-benefiċjarji bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu ***wkoll il-karatteristiċi*** tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	Benefiċċju tal-Pensjoni ***biex jiżguraw il-komparabbiltà bejn IORPs differenti fit-territorju tagħhom***, filwaqt li jitqiesu ***l-karatteristiċi*** tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni. ***Meta l-komparabbiltà tkun diġà nkisbet permezz ta' sistema nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet imsemmija fl-Artikolu 37a, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw ir-rekwiżit għal format standardizzat tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni.***

Or. en

Emenda 431
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-format u l-istruttura tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni ***għandhom jiġu pprovduti*** lill-membri u lill-benefiċjarji ***bl-użu ta' format standardizzat tal-Unjoni,*** filwaqt li jitqiesu ***wkoll il-karatteristiċi*** tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni.	***Ir-Rapport*** tal-Benefiċċju tal-Pensjoni ***għandu jiġi pprovdut*** lill-membri u lill-benefiċjarji filwaqt li jitqiesu ***l-karatteristiċi*** tat-tipi differenti ta' skemi tal-pensjoni***, għandu jiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji u jiffaċilita d-dħul ta' informazzjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet***.

Or. en

Emenda 432
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.	***imħassar***

Or. en

Emenda 433
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EIOPA għandha, wara li twettaq testijiet tal-konsumatur u tal-industrija, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 38 sa 40. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(1)(i), l-EIOPA għandha tqis il-karatteristiċi ta' tipi differenti ta' skemi meta tabbozza dawk l-istandards tekniċi regolatorji, b'mod partikolari jekk il-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment jew meta l-istrateġija ta' investiment tkun	***imħassar***

dipendenti fuq l-età jew tinkludi tqabbil tad-durata.

Or. en

Emenda 434
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473*, u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 435
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi minimizzata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar, meta tiżviluppa l-abbozz ta' standards regolatorji, l-EIOPA għandha, sa fejn ikun possibbli, tiżgura allinjament mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/473*,	***imħassar***

u timmira li tiffaċilita d-dħul tal-informazzjoni tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni fis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet u li tiżgura l-użabbiltà għall-membri u l-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 436
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].	***imħassar***

Or. en

Emenda 437
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-EIOPA għandha tressaq dawk l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].	***imħassar***

Or. en

Emenda 438
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.	***imħassar***

Or. en

Emenda 439
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.	***imħassar***

Or. en

Emenda 440
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 38 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 38 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:
	“
	6a. L-informazzjoni dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati jew il-kapital akkumulat kif inkluż fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni għandha tkun preċiża u affidabbli, filwaqt li titqies il-ħtieġa tal-ippjanar finanzjarju fit-tul tal-membri.
	”

Or. en

Ġustifikazzjoni

In many Member States, a lack of trust of citizens in private entities managing their money and pensions is an important obstacle to the development of supplementary pension systems and IORPs. People prefer to rely on guaranteed (national) pensions rather than having their savings invested on capital markets. In addition, they need to be sure that any measures affecting their entitlements are justified and understandable. By including in the directive that benefit entitlements in the Pension Benefit Statement should be accurate and reliable (even if invested on capital markets), and facilitate financial planning for retirement, citizens will be more likely to support the establishment of IORPs and occupational pension schemes.

Emenda 441
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt ba

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ba) l-Istat Membru li fih l-IORP hija awtorizzata u l-ismijiet tal-awtoritajiet kompetenti ta’ dak l-Istat Membru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 442

Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżdied il-punt li ġej:
	***"(fa) informazzjoni dwar l-effetti fuq il-benefiċċju tal-pensjoni ta' kwalunkwe interruzzjoni jew bidla fl-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fl-iskema tal-pensjoni tal-membru li seħħew jew li l-membru jista' jikkunsidra fil-futur;";**

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-implikazzjonijiet finanzjarji għall-parteċipanti fl-iskemi tal-pensjoni li jnaqqsu s-sigħat tax-xogħol tagħhom, pereżempju biex jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u konsegwentement inaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni tagħhom, għandhom ikunu ċari u trasparenti.

Emenda 443
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – Paragrafu 1 – Punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
g) fejn il-membri jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom***,** ***inkluż:***	g) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet involuti u l-impatt tagħhom ***sa fejn tali informazzjoni tkun rilevanti għad-deċiżjonijiet li l-membri jistgħu jieħdu u xierqa għat-tfassil tal-iskema tal-pensjoni.***

Or. es

Emenda 444
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***fejn il-membri jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment,*** informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:	(g) informazzjoni dwar il-kostijiet ***rilevanti*** imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:

Or. en

Emenda 445
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) fejn ***il-membri*** jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:	(g) fejn ***ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u l-membri*** jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:

Or. en

Emenda 446
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) fejn il-membri jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:	(g) fejn ***ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u l-membri*** jġorru riskju ta' investiment jew jistgħu jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment, informazzjoni dwar il-kostijiet imposti u l-impatt tagħhom, inkluż:

Or. en

Emenda 447
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – Paragrafu 1 – Punt g – Punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) diżaggregazzjoni tal-kostijiet kollha mġarrba, direttament u indirettament, mill-membri u l-benefiċjarji matul it-12-il xahar preċedenti u fuq bażi komposta minn meta l-membru ssieħeb fl-iskema kkonċernata, li tindika mill-inqas il-kostijiet tal-amministrazzjoni, il-kostijiet tas-salvagwardja tal-assi, u l-kostijiet tal-investiment imġarrba b'rabta mal-ġestjoni tal-assi u mal-operazzjonijiet tal-portafoll;	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 448
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – Paragrafu 1 – Punt g – Punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii) stima tal-impatt li l-kostijiet għandhom fuq il-kapital finali akkumulat;;	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 449
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***meta l-membri jġorru riskju ta' investiment,*** informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ippruvduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ippruvduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";	(i) informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ippruvduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ippruvduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";

Or. en

Emenda 450
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, informazzjoni dwar il-	(i) meta ***ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u*** l-membri jġorru

prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ipprovduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ipprovduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";	riskju ta' investiment, informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ipprovduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ipprovduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";

Or. en

Emenda 451
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ipprovduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ipprovduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";	(i) meta ***ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u*** l-membri jġorru riskju ta' investiment, informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi tal-iskema tal-pensjoni jew, fejn applikabbli, tal-għażla tal-investiment meħuda, li tkopri l-prestazzjoni ta' minimu ta' 10 snin jew, f'każijiet fejn l-iskema jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti jkunu ġew ipprovduti għal inqas minn 10 snin, li tkopri s-snin kollha li fihom tkun ġiet ipprovduta l-iskema tal-pensjoni jew l-opzjoni ta' investiment rilevanti;";

Or. en

Emenda 452
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt d

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) ***meta l-membri jġorru riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jagħżlu bejn opzjonijiet ta' investiment,*** indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.";	(j) indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.";

Or. en

Emenda 453
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt d
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jagħżlu bejn opzjonijiet ta' investiment, indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.";	(j) meta ***ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u*** l-membri jġorru riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jagħżlu bejn opzjonijiet ta' investiment, indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.";

Or. en

Emenda 454
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt d
2016/2341

Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) meta l-membri jġorru riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jagħżlu bejn opzjonijiet ta' investiment, indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.”;	(j) meta ***ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva u*** l-membri jġorru riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jagħżlu bejn opzjonijiet ta' investiment, indikazzjoni qasira tal-għażla tal-investiment meħuda, inkluż l-għadd ta' opzjonijiet magħżula, il-proporzjon ta' assi investiti f'kull opzjoni u indikazzjoni tal-livell ta' riskju tal-għażla magħmula f'forma sommarja.”;

Or. en

Emenda 455
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 39 – paragrafu 1 – subparagrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-punti (g), (i) u (j), l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod sempliċi u li jinftiehem, filwaqt li jitqiesu l-livell ta' dettall u l-ammont ta' informazzjoni li hija rilevanti għall-membri u l-benefiċjarji ta' IORP, u bl-għan li jiġu evitati kwalunkwe ammont żejjed ta' informazzjoni jew riskju ta' interpretazzjoni ħażina.

Or. en

Emenda 456
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39 – punt ea (ġdid)
Artikolu 39 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	2a. L-IORPs għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jipprovdu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, dment li l-informazzjoni korrispondenti tkun aċċessibbli għall-membri u għall-benefiċjarji permezz ta' sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 37a. F'każijiet bħal dawn, l-informazzjoni pprovduta permezz tas-sistema ta' traċċar għandha tissodisfa l-istandards stabbiliti fl-Artikolu 36(2).

Or. en

Emenda 457
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-membri prospettivi kif imsemmija ***fil-paragrafi*** 1 ***u 3*** għandhom jingħataw dan li ġej:	2. Il-membri prospettivi kif imsemmija ***fil-paragrafu*** 1 għandhom jingħataw dan li ġej:

Or. en

Emenda 458
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parametri referenzjarji stabbiliti mis-superviżuri ma jistgħux ikopru strateġiji ta' investiment, strutturi ta' responsabbiltà, jew profili demografiċi speċifiċi għall-iskemi. Devjazzjonijiet minn parametru referenzjarju uniformi ma jindikawx governanza ħażina; dawn jirriflettu għażliet leġittimi fit-tul. Id-dispożizzjoni toħloq inċentivi ta' indiċjar li jiskoraġġixxu eżattament l-investimenti illikwidi u fit-tul li l-SIU tfittex li tippromwovi. Is-setgħat superviżorji eżistenti skont l-Artikoli 30, 30a u 49 diġà jipprovdu għodod adegwati biex tiġi indirizzata prestazzjoni insuffiċjenti ġenwina.

Emenda 459
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) [...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

We are concerned that the proposal disincentives allocations to alternatives. Allocations to these asset classes increase the likelihood of deviation from the benchmark (both outperformance and underperformance, which can be exacerbated by valuation lags). Moreover, the short timeframe also penalises investments with a long investment horizon such as venture capital investments and infrastructure. The proposal therefore undermines the purported objective of the review to increase allocations to these asset classes and the aim of the Savings and Investment Union. Given the counterproductive effects on uniform benchmarks on investments in private and alternative assets, we propose removing the entire article from the proposal.

Emenda 460
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli ta' prestazzjoni insuffiċjenti bbażati fuq parametri referenzjarji mhumiex adattati għall-pensjonijiet okkupazzjonali, peress li l-iskemi jvarjaw fl-objettivi, fl-obbligazzjonijiet, fil-profili tar-riskju, fl-istrateġiji u fl-orizzonti ta' żmien. Dawn il-parametri referenzjarji jistgħu jħeġġu mġiba ta' investiment fuq terminu qasir aktar milli valur fit-tul għall-membri u l-benefiċjarji. Minflok, il-kwalità u l-prestazzjoni tal-pensjonijiet għandhom jiġu vvalutati permezz ta' oqfsa superviżorji nazzjonali u, meta rilevanti, arranġamenti tas-sħab soċjali.

Emenda 461
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 462
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 463
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41a	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The EC proposal introduces benchmarks within IORPs, intended to serve as measurement tools (in the case of low performance, they may lead to the development of a corrective action plan at the request of the supervisory authority).However, the design and application of benchmarks face significant methodological challenges in this sector. A key reason for this is the significant differences between IORPs in terms of i) design, ii) investment strategies, iii) member profiles, and iv) institutional conditions. Furthermore, there is insufficient evidence that the introduction of benchmarks will contribute to greater investment efficiency in the sector. The opposite effect is possible: they may lead to overly conservative policies.

Emenda 464
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jimmonitorjaw b'mod regolari l-prestazzjoni tagħhom skont ***parametri referenzjarji*** stabbiliti mill-awtorità kompetenti tagħhom f'konformità mal-paragrafu 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta IORP tidentifika li l-prestazzjoni tagħha tiddevja sostanzjalment ***mill-parametru referenzjarju*** applikabbli, hija tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tagħha u ***tipprovdi evidenza li***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jimmonitorjaw b'mod regolari l-prestazzjoni tagħhom skont ***l-objettivi ta' investiment iddikjarati tagħhom u l-linji gwida bbażati fuq il-prinċipji*** stabbiliti mill-awtorità kompetenti tagħhom f'konformità mal-paragrafu 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta IORP tidentifika li l-prestazzjoni tagħha tiddevja sostanzjalment ***u fuq diversi snin mill-objettivi ta' investiment iddikjarati tagħha***

l-kostijiet u l-imposti tal-iskema huma ġustifikati u proporzjonati u li l-iskema hija konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji tagħha.	***u l-linji gwida*** applikabbli ***bbażati fuq il-prinċipji***, hija tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tagħha u ***lill-membri*** u l-benefiċjarji tagħha ***b'mod ċar, ġust u li jinftiehem***. ***Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ, għandha tieħu azzjoni xierqa biex tirrimedja s-sitwazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The idea of using benchmarks to reliably monitor the performance of an IORP is not a bad idea, but too rigid and one-size-fits-all benchmarks should be avoided. As a solution, competent authorities could develop multiple (qualitative) guidelines based on specific principles that should inform the performance measurement by IORPs. In addition, IORPs should measure their performance in relation to their original investment objectives. The principle-based guidelines could be adapted to specific types of IORPs. IORPs could then align their benchmarks. This would avoid the risk of bias in IORPs assessing their own performance, while still providing adaptability for competent authorities.

Emenda 465
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-awtorità kompetenti tikkonkludi li l-evidenza li l-kostijiet u l-imposti tal-iskema mhumiex ġustifikati u proporzjonati jew li l-iskema mhijiex konformi mat-tolleranza tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji tagħha, jew fejn il-prestazzjoni insuffiċjenti tippersisti għal mill-inqas 3 snin, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tinforma minnufih lill-membri u l-benefiċjarji tagħha dwar dik is-sitwazzjoni b'mod ċar, ġust u li jinftiehem.	***imħassar***

Or. en

Emenda 466
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1***, it-tieni subparagrafu,*** tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu kif l-iskema tikkumpara ma' IORPs oħrajn fir-rigward tal-prestazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta tispjega b'mod sempliċi r-raġunijiet għall-prestazzjoni agħar minn dik mistennija, kif il-kostijiet u l-imposti huma proporzjonati u ġustifikati, u l-azzjonijiet li qed jittieħdu biex ***jittejbu r-riżultati u biex*** jiġi protett il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli b'mod faċli ***sakemm l-IORP turi titjib sostnut***.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tippermetti lill-membri u lill-benefiċjarji jifhmu kif l-iskema tikkumpara ma' IORPs oħrajn fir-rigward tal-prestazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta tispjega b'mod sempliċi r-raġunijiet għall-prestazzjoni agħar minn dik mistennija, kif il-kostijiet u l-imposti huma proporzjonati u ġustifikati, u l-azzjonijiet li qed jittieħdu biex jiġi protett il-valur tad-drittijiet akkumulati tal-membri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli b'mod faċli ***għad-durata tal-prestazzjoni insuffiċjenti***.

Or. en

Emenda 467
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, issir disponibbli permezz tal-istess mezzi li normalment jintużaw biex jipprovdu r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni u	***imħassar***

komunikazzjonijiet regolari oħra, u li l-membri u l-benefiċjarji jiġu infurmati dwar kif jiksbu aktar dettalji jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

Or. en

Emenda 468
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu żviluppati ***parametri referenzjarji*** ċari, oġġettivi u trasparenti mill-awtorità kompetenti tagħhom ***għall-valutazzjoni*** tal-prestazzjoni insuffiċjenti, ***inkluż*** fir-rigward ***tal-kostijiet*** amministrattivi***,*** ta' investiment ***u ta' tranżazzjoni***, ir-redditi ***grossi u netti*** fuq l-investiment ***u l-eżiti tal-finanzjament fuq perjodi speċifikati***.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu żviluppati ***linji gwida bbażati fuq il-prinċipji*** ċari, oġġettivi u trasparenti mill-awtorità kompetenti tagħhom ***għall-monitoraġġ*** tal-prestazzjoni insuffiċjenti, ***b'mod partikolari*** fir-rigward ***tal-protezzjoni tal-interessi tal-membri u l-benefiċjarji, il-proporzjonalità fil-kostijiet*** amministrattivi ***u*** ta' investiment, ir-redditi ***mistennija*** fuq l-investiment***, u l-evitar ta' kunflitti ta' interess fi ħdan il-parametri referenzjarji u l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-IORPs***. ***Dawn il-linji gwida għandhom iqisu l-profili tar-riskju, in-natura, l-attivitajiet u l-istrateġiji ta' investiment li jvarjaw tal-IORPs, kif ukoll il-preferenzi tar-riskju potenzjali tal-membri tal-IORP, u jistgħu jiġu adattati għal tipi differenti ta' IORPs.***

Or. en

Emenda 469
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 41a – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-IORPs għandhom jallinjaw il-parametri referenzjarji tagħhom, inklużi l-parametri referenzjarji kwantitattivi, u l-attivitajiet ta' monitoraġġ mal-linji gwida applikabbli bbażati fuq il-prinċipji kif stabbiliti mill-awtorità kompetenti tagħhom.

Or. en

Emenda 470
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni aġġar minn dik mistennija fl-Istati Membri kollha.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 471
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni aġġar minn dik mistennija fl-Istati Membri kollha.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 472
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tadotta linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, dwar il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-prestazzjoni aġġar minn dik mistennija fl-Istati Membri kollha.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Diversi dispożizzjonijiet jintroduċu kompiti ġodda għall-EIOPA, bħall-iżvilupp ta' linji gwida u/jew standards tekniċi. Aħna ma nappoġġawx dawn il-proposti, peress li mhumiex konsistenti man-natura ta' Direttiva ta' armonizzazzjoni minima. Barra minn hekk, l-EIOPA mhux dejjem tkun l-aktar korp xieraq biex iwettaq dawn il-kompiti.

Emenda 473
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 41a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-IORPs li joperaw f'suq mhux kompetittiv u li l-iskemi tal-pensjoni tagħhom jinkludu kondiviżjoni tar-riskju kollettiva.

Or. en

Emenda 474
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minbarra r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, l-IORPs għandhom jipprovdu lil kull membru, fi żmien xieraq qabel l-età tal-irtirar kif speċifikat fl-Artikolu 39(1)(a), jew fuq talba tal-membru, informazzjoni dwar il-bidu li jkun fil-qrib tal-fażi tal-ħlas u l-opzjonijiet tal-ħlas tal-benefiċċji disponibbli fit-teħid tal-benefiċċji tal-irtirar tagħhom, inklużi l-kostijiet u l-imposti assoċjati ma' kull opzjoni u t-trattament tat-taxxa applikabbli.	Minbarra r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, l-IORPs għandhom jipprovdu lil kull membru, fi żmien xieraq qabel l-età tal-irtirar kif speċifikat fl-Artikolu 39(1)(a), jew fuq talba tal-membru, ***meta rilevanti u sal-punt li tali informazzjoni ma tkunx diġà pprovduta permezz tar-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, is-Sistema ta' Traċċar tal-Pensjonijiet, id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew komunikazzjonijiet regolari oħra,***informazzjoni dwar il-bidu li jkun fil-qrib tal-fażi tal-ħlas u l-opzjonijiet tal-ħlas tal-benefiċċji disponibbli fit-teħid tal-benefiċċji tal-irtirar tagħhom, inklużi l-kostijiet u l-imposti assoċjati ma' kull opzjoni u t-trattament tat-taxxa applikabbli.

Or. en

Emenda 475
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni konċiża li ***tkun tinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni konċiża li ***tistabbilixxi, b'lingwaġġ ċar, il-karatteristiċi ewlenin, l-implikazzjonijiet, ir-riskji u l-kunsiderazzjonijiet tal-adegwatezza ta' kull għażla ta' ħlas tal-benefiċċji disponibbli, inklużi fatturi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-livell, l-istabbiltà jew id-durata tal-introjtu tal-irtirar.***

Or. en

Emenda 476
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-karatteristiċi prinċipali, l-implikazzjonijiet u l-effetti potenzjali ta' kull opzjoni ta' ħlas tal-benefiċċji disponibbli fuq il-membru u, fejn applikabbli, fuq il-benefiċjarji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 477
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-riskji u l-fatturi li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-livell, l-istabbiltà jew id-durata tal-introjtu fl-irtirar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 478
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iċ-ċirkostanzi u l-kriterji li l-membri għandhom iqisu meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-opzjonijiet differenti ta' ħlas tal-benefiċċji għas-sitwazzjoni individwali tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fatt l-IORPs jintalbu jagħtu pariri lill-membri dwar il-kriterji għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-għażliet ta' ħlas għas-sitwazzjoni individwali tagħhom huwa simili għall-għoti ta' pariri finanzjarji personali. L-IORPs mhumiex konsulenti tal-investiment awtorizzati; l-impożizzjoni ta' dan l-obbligu toħloq esponiment għar-responsabbiltà mingħajr qafas regolatorju korrispondenti u tirriskja li ċċajpar il-linja regolatorja bejn l-għoti ta' informazzjoni u l-pariri regolati.

Emenda 479
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iċ-ċirkostanzi u l-kriterji li l-membri għandhom iqisu meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-opzjonijiet differenti ta' ħlas tal-benefiċċji għas-sitwazzjoni individwali tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 480
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-prattiki ta' dekumulazzjoni u l-impatt tagħhom fuq il-konsumaturi, possibbilment billi jnaqqsu jew jissimplifikaw dawn l-għażliet, filwaqt li jiffavorixxu dawk tal-akbar interess.

Or. en

Emenda 481
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta waħda mill-opzjonijiet ta' ħlas tal-benefiċċji offruti mill-IORP tkun annwalità varjabbli, l-IORP tipprovdi lil kull membru, fi żmien xieraq qabel l-età tal-irtirar kif speċifikat fl-Artikolu 39(1)(a),	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta waħda mill-opzjonijiet ta' ħlas tal-benefiċċji offruti mill-IORP tkun annwalità varjabbli, l-IORP tipprovdi lil kull membru, fi żmien xieraq qabel l-età tal-irtirar kif speċifikat fl-Artikolu 39(1)(a),

projezzjonijiet li juru l-varjazzjoni potenzjali fl-ammont tal-ħlas maż-żmien.;	projezzjonijiet li juru l-varjazzjoni potenzjali fl-ammont tal-ħlas maż-żmien***, meta tali projezzjonijiet ma jkunux diġà previsti skont id-dritt nazzjonali jew permezz ta' komunikazzjonijiet eżistenti***.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi għall-Artikolu 42 jissimplifikaw l-informazzjoni ta' qabel l-irtirar u jiżguraw li l-membri jirċievu informazzjoni ċara, rilevanti u utli. Rekwiżit ibbażat aktar fuq il-prinċipji jevita ammont żejjed ta' informazzjoni, kostijiet amministrattivi bla bżonn u regoli dettaljati żżejjed fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jippreżerva t-trasparenza u jippermetti lill-Istati Membri u, meta jkun rilevanti, lis-sħab soċjali jadattaw l-informazzjoni għall-kuntest nazzjonali tagħhom.

Emenda 482
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 42 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tipproponi mudell għal kalkolatur tal-pensjonijiet lill-Istati Membri biex jadottawh b'mod uniformi, li jippermetti lill-Ewropej jivviżwalizzaw u jikkwantifikaw il-livell tal-pensjoni mistenni tagħhom kif ukoll l-adegwatezza tiegħu biex ikopri livell ta' għajxien sostenibbli bbażat fuq varjabbiltajiet bħall-inflazzjoni mistennija, iż-żieda fil-kostijiet tal-ikel, tal-akkomodazzjoni u tal-kura tas-saħħa.

Or. en

Emenda 483
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jeżiġu lill-IORPs jipprovdu informazzjoni lill-benefiċjarji ***kull sena*** dwar il-benefiċċji dovuti, l-opzjonijiet ta' ħlas korrispondenti, u diżaggregazzjoni tal-kostijiet kollha mġarrba u informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(g) u (i).	L-Istati Membri għandhom jeżiġu lill-IORPs jipprovdu informazzjoni ***perjodikament u mill-inqas kull ħames snin*** lill-benefiċjarji dwar il-benefiċċji dovuti, l-opzjonijiet ta' ħlas korrispondenti, u diżaggregazzjoni tal-kostijiet kollha mġarrba u informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imgħoddi kif imsemmi fl-Artikolu 39(g) u (i).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-divulgazzjoni annwali obbligatorja lill-benefiċjarji tal-fażi tal-ħlas hija sproporzjonata meta l-benefiċċji tal-pensjoni jkunu fissi jew jinbidlu biss marġinalment maż-żmien. Ċiklu ta' ħames snin huwa proporzjonat u konsistenti mal-listi ta' reviżjoni applikati għal obbligi komparabbli fi bnadi oħra fid-direttiva.

Emenda 484
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni għandha tiddeskrivi wkoll il-fatturi ewlenin li jistgħu jaffettwaw il-livell jew id-durata tal-introjtu tal-irtirar, inklużi r-riskji tal-investiment u tal-istennija tal-għomor, u għandha tindika, fejn rilevanti, id-dritt li tinbidel l-opzjoni ta' ħlas.***;**	L-informazzjoni għandha tiddeskrivi wkoll il-fatturi ewlenin li jistgħu jaffettwaw il-livell jew id-durata tal-introjtu tal-irtirar, inklużi r-riskji tal-investiment u tal-istennija tal-għomor, u għandha tindika, fejn rilevanti, id-dritt li tinbidel l-opzjoni ta' ħlas***, b'mod ċar u aċċessibbli li jippermettilhom jifhmu s-sostenibbiltà fit-tul tal-introjtu tal-irtirar tagħhom***.

Or. en

Emenda 485
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Minkejja l-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs li joperaw f'suq mhux kompetittiv u li l-iskemi ta' pensjoni tagħhom jinkludu kondiviżjoni tar-riskju kollettiva jipprovdu perjodikament lill-benefiċjarji informazzjoni dwar il-benefiċċji dovuti u l-opzjonijiet ta' ħlas korrispondenti.

Or. en

Emenda 486
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jekk l-IORP topera f'suq mhux kompetittiv u l-iskemi tal-pensjonijiet tagħha jkunu jinkludu l-kondiviżjoni tar-riskju kollettiva minflok iż-żewġ subparagrafi msemmija qabel, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li dawn l-IORPs jipprovdu perjodikament lill-benefiċjarji informazzjoni dwar il-benefiċċji dovuti u l-għażliet ta' ħlas korrispondenti.;

Or. en

Emenda 487
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 43 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-benefiċjarji jkomplu jagħmlu kontribuzzjonijiet jew iġorru r-riskju tal-investiment waqt il-fażi tal-ħlas, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ikomplu jipprovdu r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, li għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.;	3. Meta l-benefiċjarji jkomplu jagħmlu kontribuzzjonijiet jew iġorru r-riskju tal-investiment waqt il-fażi tal-ħlas ***u ma hemm l-ebda kondiviżjoni tar-riskju kollettiva***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs ikomplu jipprovdu r-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni, li għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.;

Or. en

Emenda 488
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jqisu n-natura tal-iskema ta' pensjoni, jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom dejjem taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali, u f'konformità mal-aħjar interessi tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom. Dawk l-interessi għandhom jinkludu l-objettiv li jipprovdu redditi adegwati, aġġustati għar-riskju u kosteffiċjenti fit-tul, b'mod	***imħassar***

konsistenti man-natura fit-tul tal-obbligi tal-pensjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna mħassba li dmir ġenerali ta' diliġenza fformulat b'mod wiesa' jikkostitwixxi obbligu miftuħ li jirriskja li jżid l-intensità superviżorja, ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-kostijiet tal-konformità. Dmir ġenerali ta' diliġenza jiffunzjona bħala norma li tkopri kollox u joħloq inċertezza legali għall-IORPs.

Emenda 489
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jqisu n-natura tal-iskema ta' pensjoni, jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom dejjem taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali, u f'konformità mal-aħjar interessi tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom***. *Dawk l-interessi għandhom jinkludu l-objettiv** li jipprovdu ***redditi adegwati, aġġustati għar-riskju u kosteffiċjenti fit-tul, b'mod konsistenti man-natura fit-tul tal-obbligi tal-pensjoni***.	1. L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jqisu n-natura tal-iskema ta' pensjoni, jiżguraw li kull IORP awtorizzata fit-territorju tagħhom dejjem taġixxi b'mod onest, ġust u professjonali, u f'konformità mal-aħjar interessi tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom***, b'attenzjoni speċifika għall-objettiv** li jipprovdu ***introjtu adegwat tal-irtirar tul iż-żmien***.

Or. en

Emenda 490
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu salvagwardji, inkluża gwida biex jappoġġaw lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji meta jkunu qed jiddeċiedu dwar l-opzjonijiet disponibbli għalihom, u jinfurmawhom dwar il-konsegwenzi potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu salvagwardji, inkluża gwida biex jappoġġaw lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji meta jkunu qed jiddeċiedu dwar l-opzjonijiet disponibbli għalihom, u jinfurmawhom dwar il-konsegwenzi potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom***, fejn l-IORP tkun responsabbli biex tipprovdi dawk l-għażliet jew gwida relatata**. **Meta, skont id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew ir-regoli tal-iskema tal-pensjoni, tali gwida tiġi pprovduta mis-sħab soċjali jew minn entitajiet li jaġixxu f'isimhom, dan il-paragrafu jista' jiġi ssodisfat permezz ta' dawk l-arranġamenti. F'każijiet bħal dawn, l-IORP ma għandhiex tkun meħtieġa tidduplika dik il-gwida jew tieħu responsabbiltà għal kwistjonijiet barra mir-rwol tagħha.**

Or. en

Emenda 491
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu salvagwardji, inkluża gwida biex jappoġġaw lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji meta ***jkunu qed jiddeċiedu dwar l-opzjonijiet*** disponibbli għalihom, u ***jinfurmawhom dwar il-konsegwenzi*** potenzjali ***tad-deċiżjonijiet tagħhom***.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jistabbilixxu salvagwardji, inkluża gwida biex jappoġġaw lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji meta ***jagħmlu għażliet*** disponibbli għalihom, u ***jipprovdulhom informazzjoni rilevanti u preċiża dwar l-għażliet, ir-riskji u l-konsegwenzi*** potenzjali ***tal-għażliet b'mod li jinftiehem u aċċessibbli***.

Emenda 492
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta l-IORPs, jew l-entitajiet li joperawhom u li jaġixxu f'isimhom, joffru, jikkummerċjalizzaw jew jamministraw skemi ta' pensjoni okkupazzjonali b'rabta ma' prodotti jew servizzi finanzjarji oħra, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li dawn l-iskemi ta' pensjoni jkunu distinti b'mod ċar minn dawk il-prodotti jew is-servizzi l-oħra. Dawk il-miżuri għandhom jitfasslu biex jevitaw kunflitti ta' interess, jissalvagwardjaw l-interessi fit-tul tal-membri u l-benefiċjarji, u jipprevjenu li l-istrutturi tal-pensjonijiet okkupazzjonali jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni, id-distribuzzjoni jew il-bejgħ inkroċjat ta' prodotti jew servizzi finanzjarji mhux tal-pensjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jipprevjenu li l-vantaġġi finanzjarji jew kummerċjali relatati ma' prodotti jew servizzi finanzjarji mhux tal-pensjoni, inklużi prodotti ta' kreditu, jinfluwenzaw b'mod mhux xieraq id-deċiżjoni ta' membru li jittrasferixxi, jagħżel jew ikompli jkollu skema ta' pensjoni okkupazzjonali ma' IORP jew fornitur speċifiku. Meta, skont id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew ir-regoli tal-iskema tal-pensjoni, salvagwardji ekwivalenti jiġu pprovduti mis-sħab soċjali jew minn entitajiet li jaġixxu f'isimhom, ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' dawk l-arranġamenti. F'każijiet bħal

dawn, l-IORP ma għandhiex tkun meħtieġa tidduplika dawk is-salvagwardji jew tieħu responsabbiltà għal kwistjonijiet barra mir-rwol tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskemi tal-pensjoni okkupazzjonali jaqdu skop ta' rtirar fit-tul u ma għandhomx jintużaw bħala mezz għall-kummerċjalizzazzjoni jew għall-bejgħ inkroċjat ta' prodotti jew servizzi finanzjarji oħra. Hija meħtieġa separazzjoni ċara biex jiġu evitati kunflitti ta' interess u biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-membri dwar il-pensjonijiet okkupazzjonali ma jiġux influwenzati bla bżonn minn vantaġġi kummerċjali fuq terminu qasir marbuta ma' prodotti oħra. Dan isaħħaħ il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji u jissalvagwardja l-iskop fit-tul tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali.

Emenda 493
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-IORPs jiżguraw li l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pensjoni jkunu adegwati fid-dawl tal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u l-profil tar-riskju identifikati tal-membri u tal-benefiċjarji, b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-iskema.	(a) L-IORPs jiżguraw li l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pensjoni jkunu adegwati fid-dawl tal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi***, inklużi r-riskji bijometriċi skont l-età u l-perjodi ta' żmien,*** u l-profil tar-riskju identifikati tal-membri u tal-benefiċjarji ***u bil-ħsieb li jiġu appoġġati eżiti adegwati tal-irtirar għalihom***, b'mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-iskema.

Or. en

Emenda 494
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-rekwiżiti fil-punti (a) u (b) għandhom japplikaw biss sa fejn l-elementi rilevanti jaqgħu fir-rwol u s-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-IORP. Meta l-istruttura, it-tfassil jew il-karatteristiċi fundamentali ta' skema ta' pensjoni jiġu ddeterminati mid-dritt nazzjonali, minn ftehimiet kollettivi, mir-regoli tal-iskema ta' pensjoni jew mis-sħab soċjali, l-IORP ma għandhiex tkun meħtieġa temenda dawk l-elementi jew tinżamm responsabbli għal kwistjonijiet barra mill-mandat tagħha. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-IORP għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-iskema f'dak il-mandat.

Or. en

Emenda 495
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-IORPs jirrieżaminaw regolarment u, fejn meħtieġ, jadattaw l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskema tal-pensjoni, filwaqt li jqisu kwalunkwe żvilupp sostanzjali, sabiex jiżguraw li l-iskema tibqa' xierqa u konsistenti mal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u l-profil tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji, b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-iskema.	(b) L-IORPs jirrieżaminaw regolarment u, fejn meħtieġ, jadattaw l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskema tal-pensjoni, filwaqt li jqisu kwalunkwe żvilupp sostanzjali, ***inklużi bidliet demografiċi u kwalunkwe karatteristika tal-iskema li jistgħu jwasslu għal disparitajiet mhux ġustifikati bejn il-membri u l-benefiċjarji, inklużi disparitajiet relatati mal-ġeneru*** sabiex jiżguraw li l-iskema tibqa' xierqa u konsistenti mal-ħtiġijiet, il-karatteristiċi u

l-profil tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji, b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-iskema.

Or. en

Emenda 496
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, dik il-valutazzjoni għandha tinkludi jekk il-kostijiet u l-imposti tal-iskema tal-pensjoni humiex ġustifikati u proporzjonati fid-dawl tal-objettivi tagħha, il-karatteristiċi, il-ħtiġijiet u l-profil tar-riskju tal-membri u l-benefiċjarji rilevanti, u l-eżiti netti fit-tul mistennija għalihom.

Or. en

Emenda 497
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-IORP għandha tiddokumenta l-valutazzjoni ta' jekk l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pensjoni humiex adegwati kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a).	L-IORP għandha tiddokumenta l-valutazzjoni ta' jekk l-istruttura, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-pensjoni humiex adegwati kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)***, sal-punt li tali***

	valutazzjoni taqa' fl-ambitu tar-rwol u s-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha.

Or. en

Emenda 498
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:	2. ***Mingħajr preġudizzju għas-sħubija obbligatorja u l-eżiti tal-ftehimiet ta' negozjar kollettiv,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:

Or. en

Emenda 499
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment***, u sal-punt li l-IORP tkun responsabbli għall-opzjonijiet ta' investiment, l-opzjoni prestabbilita jew l-istrateġija ta' investiment rilevanti***, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi għall-Artikolu 44b jiċċaraw li l-IORPs ma jistgħux ikunu meħtieġa jivvalutaw, jadattaw jew jieħdu responsabbiltà għal elementi ta' skema tal-pensjoni ddeterminati mid-dritt nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi, mir-regoli tal-iskemi jew mis-sħab soċjali. F'sistemi bħal dawn, l-IORP jista' jkollha rwol amministrattiv limitat u ma jkollhiex is-setgħa legali li tbiddel l-istruttura jew id-disinn tal-iskema. L-emenda tippreżerva r-responsabbiltà tal-IORP għal amministrazzjoni xierqa fi ħdan il-mandat tagħha, filwaqt li tirrispetta l-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali.

Emenda 500
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 2a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-membri jġorru riskju ta' investiment, l-IORPs jevalwaw ir-riskju fit-tul***, filwaqt li jqisu kwalunkwe kondiviżjoni tar-riskju kollettiva, meta applikabbli,*** mill-perspettiva tal-membri u tal-benefiċjarji, inklużi:

Or. en

Emenda 501
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44b – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fir-rigward ta' skemi li bihom il-membri jġorru r-riskju ta' investiment, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-IORPs jiżguraw li, meta membru jsir intitolat li jieħu benefiċċji tal-irtirar, tkun disponibbli mill-inqas għażla waħda li

skontha jitħallsu dawk il-benefiċċji, kompletament jew parzjalment, bħala introjtu regolari.

Meta tkun disponibbli aktar minn forma waħda ta' pagament, l-IORP għandha tippermetti lill-membru jagħżel jew jibdel, mingħajr ħlas, il-forma li biha jitħieħdu l-benefiċċji, mhux aktar tard mill-bidu tal-fażi ta' dekumulazzjoni u mill-inqas sena qabel dik id-data.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-membri huma meħtieġa jimmaniġġjaw ir-riskju ta' longevità individwalment mingħajr l-għodod attwarji biex jagħmlu dan. Din l-emenda tiżgura li mill-inqas għażla waħda ta' introjtu regolari tkun disponibbli biex tiġi restawrata loġika bażika tal-assigurazzjoni mingħajr ma jiġi preskritt il-prodott. Ir-regola tal-għażla libera u tal-bidla libera tipprevjeni d-disinn predatorju tal-prodott u l-intrappolament.

Emenda 502
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
2016/2341
Artikolu 44c – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Minkejja l-paragrafi 1 sa 7, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-mekkaniżmi nazzjonali eżistenti ta' rimedju, inklużi l-mekkaniżmi li jinvolvu s-sħab soċjali, bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, meta tali mekkaniżmi jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni u jipprevjenu d-duplikazzjoni bla bżonn tal-proċeduri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu mekkaniżmi nazzjonali effettivi ta' rimedju, inklużi dawk li jinvolvu s-sħab soċjali, meta jipprovdu protezzjoni ekwivalenti. Ir-rekwiżiti l-ġodda ma għandhomx joħolqu duplikazzjoni jew piż amministrattiv bla bżonn.

Emenda 503
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44c – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Minkejja l-paragrafi 1 sa 7, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw l-arranġamenti nazzjonali eżistenti ta' rimedju, inklużi mekkaniżmi li jinvolvu s-sħab soċjali, biex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, meta dawk l-arranġamenti jipprovdu livell ekwivalenti ta' protezzjoni u jipprevjenu d-duplikazzjoni bla bżonn tal-proċeduri.

Or. en

Emenda 504
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44d – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-oqfsa ta' rimedju nazzjonali eżistenti, inklużi dawk stabbiliti u amministrati mis-sħab soċjali, jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 505
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44d – paragrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-oqfsa nazzjonali eżistenti ta' rimedju, inklużi dawk stabbiliti u ġestiti mis-sħab soċjali, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 506
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 44e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 44e
	Protezzjoni tal-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati u d-drittijiet għal pensjoni tal-membri u l-benefiċjarji jiġu protetti. Kwalunkwe miżura minn IORP li taffettwa l-intitolamenti tal-pensjoni, id-drittijiet tal-pensjoni jew il-benefiċċji tal-pensjoni dovuti għandha tkun debitament ġustifikata, tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u tikkonforma mal-prinċipju

tal-proporzjonalità, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In many Member States, a lack of trust of citizens in private entities managing their money and pensions is an important obstacle to the development of supplementary pension systems and IORPs. People prefer to rely on guaranteed (national) pensions rather than having their savings invested on capital markets. In addition, they need to be sure that any measures affecting their entitlements are justified and respect the essence of their rights. By explicitly including in the directive that citizens can be assured that their entitlements are protected, they will be more likely to support the establishment of IORPs and occupational pension schemes.

Emenda 507
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52 – punt a – parti introduttorja
Id-Direttiva (EU) 2016/2341
Artikolu 48 – Paragrafi 1a u 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) ***jiddaħħlu l-paragrafi*** 1a ***u 1b li ġejjin***:	a) ***jiddaħħal il-paragrafu*** 1a ***li ġej***:

Or. es

Emenda 508
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 48 – Paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ***ikollhom is-setgħa li jitolbu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex***	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ***jeżerċitaw is-setgħat ta'*** superviżjoni ***b'mod xieraq, ibbażat fuq ir-***

iwettqu superviżjoni ***f'konformità mal-Artikolu 50***.	***riskju u proporzjonat, filwaqt li jqisu n-natura, id-daqs, l-organizzazzjoni interna, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-attivitajiet tal-IORP***

Or. es

Emenda 509
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 48 – Paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom japplikaw is-setgħat superviżorji f'waqthom u b'mod proporzjonat.;	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 510
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 48 – Paragrafu 2 – Subparagrafu 1 – Punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) jieħdu ***kwalunkwe miżura neċessarja inkluż dawk, fejn xieraq, ta' natura amministrattiva jew finanzjarja,*** fir-rigward tal-IORPs, ***u tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tagħhom***.	b) jieħdu ***l-miżuri neċessarji u proporzjonati*** fir-rigward tal-IORPs, ***fl-ambitu tas-superviżjoni prudenzjali stabbilita f'din id-Direttiva u f'konformità mal-liġi nazzjonali***.

Or. es

Emenda 511
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt a – punt i – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ewwel ***subparagrafu huwa sostitwit*** b'dan li ġej:	(i) l-ewwel ***u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti*** b'dan li ġej:

Or. en

Emenda 512
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt a – punt i
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – Paragrafu 1 – l-ewwel subparagrafu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw u jevalwaw l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rappurtar li jkunu stabbiliti mill-IORPs biex jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.;	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw u jevalwaw l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rappurtar li jkunu stabbiliti mill-IORPs biex jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tan-natura, ***id-daqs, l-organizzazzjoni interna,*** l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.;

Or. es

Emenda 513
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt a – punt i
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrieżaminaw u jevalwaw l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rappurtar li jkunu stabbiliti mill-IORPs biex jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.;	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jkollhom is-setgħa li*** jirrieżaminaw u jevalwaw l-istrateġiji, il-proċessi u l-proċeduri ta' rappurtar li jkunu stabbiliti mill-IORPs biex jikkonformaw mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi adottati skont din id-Direttiva, b'kunsiderazzjoni tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP.;

Or. en

Emenda 514
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt a – punt ia (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ia) Is-subparagrafu 2 huwa emendat kif ġej:
Dak ir-rieżami għandu jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li fihom l-IORPs ikunu qed joperaw u, fejn rilevanti, il-partijiet li jwettqu l-funzjonijiet ewlenin esternalizzati jew attivitajiet oħrajn għalihom. Ir-rieżami għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:	***"***Dak ir-rieżami għandu jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li fihom l-IORPs ikunu qed joperaw u, fejn rilevanti, il-partijiet li jwettqu l-funzjonijiet ewlenin esternalizzati jew attivitajiet oħrajn għalihom. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-proporzjonalità bl-għan li jevitaw piż amministrattiv u ta' rapportar mhux meħtieġ għall-IORPs.*** Ir-rieżami għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:***"***

Or. en

(032016L2341)

Emenda 515
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – Paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari, jirrieżaminaw u jevalwaw il-konformità mal-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 46.	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari, jirrieżaminaw u jevalwaw ***b'mod proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju*** l-konformità mal-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 46.

Or. es

Emenda 516
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – Paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu, mill-inqas kull 3 snin, djalogu superviżorju regolari.;	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 517
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP	1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP

għandhom iwettqu***, mill-inqas kull 3 snin,*** djalogu superviżorju regolari.;	għandhom iwettqu djalogu superviżorju regolari. ***L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-frekwenza ta' dak id-djalogu superviżorju abbażi tar-riskji, tan-natura, tal-iskala u tal-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP inkwistjoni.***;

Or. en

Emenda 518
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu***, mill-inqas kull 3 snin,*** djalogu superviżorju regolari.;	1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu djalogu superviżorju ***b'mod*** regolari***, filwaqt li jqisu l-iskala, ir-riskji u n-natura tal-attivitajiet tal-IORP meta jiddeterminaw il-frekwenza u l-intensità tad-djalogu***;

Or. en

Emenda 519
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu***, mill-inqas kull 3 snin,*** djalogu superviżorju regolari.***;***	1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu djalogu superviżorju regolari.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ċiklu uniformi ta' tliet snin jinjora d-differenzi kbar bejn is-swieq nazzjonali. Is-swieq tal-IORPs żviluppati diġà stabbilew prattiki superviżorji u għandhom jiddeterminaw il-frekwenza xierqa huma stess. Djalogu aktar frekwenti huwa ġġustifikat temporanjament fi swieq li għadhom qed jiżviluppaw.

Emenda 520
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu***, mill-inqas kull 3 snin,*** djalogu superviżorju regolari.;	1b. Bħala parti mill-proċess ta' rieżami, l-awtorità kompetenti u kull IORP għandhom iwettqu djalogu superviżorju regolari.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom ċerta libertà biex jiddeterminaw frekwenza xierqa għad-djalogu superviżorju filwaqt li jqisu r-riskji, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP ikkonċernata.

Emenda 521
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt ba (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – paragrafu 1c (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) Fl-Artikolu 49, jiddaħħal il-paragrafu 1c ġdid kif ġej:
Jiżdied il-paragrafu 1c ġdid mal-Artikolu 49 tat-test attwali	***"Fi Stat Membru b'suq tal-IORP diġà żviluppat, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-frekwenza ta' dak id-***

djalogu f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-valutazzjoni superviżorja tagħha bbażata fuq ir-riskju. Fid-determinazzjoni ta' jekk is-suq tal-IORPs tiegħu huwiex żviluppat, l-Istat Membru għandu jqis il-kopertura tal-pensjonijiet okkupazzjonali, l-assi mmaniġġjati, l-għadd u d-diversità tal-IORPs, it-tul ta' żmien li matulu opera s-suq u l-maturità tal-qafas superviżorju nazzjonali. L-Istat Membru għandu jinnotifika l-valutazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lill-EIOPA.

Fi Stat Membru li fih is-suq tal-IORP għadu mhux żviluppat jew mhux żviluppat biżżejjed, id-djalogu superviżorju għandu jseħħ:

a) mill-inqas darba fis-sena matul l-ewwel ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

b) mill-inqas darba kull sentejn mill-bidu tas-sitt sena sal-aħħar tal-għaxar sena; u

c) mill-inqas darba kull tliet snin mill-bidu tal-11-il sena.

Dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni lil awtorità kompetenti milli twettaq djalogu superviżorju addizzjonali meta jkun hemm indikazzjonijiet speċifiċi u sostanzjati ta' riskju jew ksur prudenzjali materjali."

Or. en

(32016L2341)

Ġustifikazzjoni

Ċiklu uniformi ta' tliet snin jinjora d-differenzi kbar bejn is-swieq nazzjonali. Is-swieq tal-IORPs żviluppati diġà stabbilew prattiki superviżorji u għandhom jiddeterminaw il-frekwenza xierqa huma stess. Djalogu aktar frekwenti huwa ġġustifikat temporanjament fi swieq li għadhom qed jiżviluppaw.

Emenda 522
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt e
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49 – Paragrafu 4 – Subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-frekwenza u l-ambitu minimi tar-reviżjonijiet, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet fir-rigward tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP ikkonċernata.;	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu l-frekwenza u l-ambitu minimi tar-reviżjonijiet, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet fir-rigward tan-natura, ***id-daqs, l-organizzazzjoni interna,*** l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-IORP ikkonċernata.;

Or. es

Emenda 523
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 524
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54 – parti introduttorja
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikoli 49a u 49b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) ***jiddaħħlu l-Artikoli 49a u 49b*** li ***ġejjin***:	(54) ***jiddaħħal l-Artikolu 49b*** li ***ġej***:

Or. en

Emenda 525
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fin-Netherlands, djalogi bħal dawn diġà huma prattika komuni. Nemmnu li għandha ssir valutazzjoni tal-vijabbiltà u l-adegwatezza tal-iskema tal-pensjoni mill-Bord tal-IORP kif ukoll mis-sħab soċjali li jimmaniġġjaw l-iskema f'isem il-membri u l-benefiċjarji. Aħna nemmnu li s-superviżuri għandhom jibqgħu ffukati fuq attivitajiet superviżorji. Il-biċċa l-kbira tal-IORPs Netherlandiżi għandhom skala sinifikanti, li jfisser li n-natura obbligatorja ta' dawn il-konverżazzjonijiet toħloq piż amministrattiv bla bżonn.

Emenda 526
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 527
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[…]	***imħassar***

Or. en

Emenda 528
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) għandu jkopri l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet, l-ineffiċjenzi u l-isfidi strutturali, u jinkoraġġixxi riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP, inkluż l-adegwatezza tal-iskala tagħha, il-kapaċità tagħha għall-konsolidazzjoni, il-kooperazzjoni jew l-akkomunament tal-assi, u l-adegwatezza tal-konfigurazzjoni organizzazzjonali tagħha biex topera b'mod effiċjenti u tagħti valur lill-membri u lill-benefiċjarji.	***imħassar***

Or. en

Emenda 529
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Id-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) għandu jkopri l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet, l-ineffiċjenzi u l-isfidi strutturali, u jinkoraġġixxi riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP***, inkluż l-adegwatezza tal-iskala tagħha, il-kapaċità tagħha għall-konsolidazzjoni, il-kooperazzjoni jew l-akkomunament tal-assi, u l-adegwatezza tal-konfigurazzjoni organizzazzjonali tagħha biex topera b'mod effiċjenti u tagħti valur lill-membri u lill-benefiċjarji***.	1. Id-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) għandu jkopri l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet, l-ineffiċjenzi u l-isfidi strutturali, u jinkoraġġixxi riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tad-direttiva ma għandux ikun preskrittiv wisq dwar id-dettalji tad-djalogu superviżorju.

Emenda 530
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) għandu jkopri l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet, l-ineffiċjenzi u l-isfidi strutturali, u jinkoraġġixxi riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP***, inkluż l-adegwatezza tal-iskala tagħha, il-kapaċità tagħha għall-konsolidazzjoni, il-kooperazzjoni jew l-akkomunament tal-assi, u l-adegwatezza tal-konfigurazzjoni organizzazzjonali tagħha biex topera b'mod effiċjenti u tagħti valur lill-membri u lill-benefiċjarji***.	1. Id-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) għandu jkopri l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltajiet, l-ineffiċjenzi u l-isfidi strutturali, u jinkoraġġixxi riflessjoni strateġika dwar l-adegwatezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fit-tul tal-IORP.

Or. en

Emenda 531
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) ikun ibbażat fuq sett ta' parametri ta' twissija bikrija, inklużi mill-inqas dawn kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-livell u l-evoluzzjoni tal-kostijiet amministrattivi, ta' tranżazzjoni u tal-investiment tal-IORP;	
(b) ir-rata netta u aġġustata għar-riskju tar-redditu fuq l-assi tal-IORP;	
(c) kwalunkwe nuqqas jew devjazzjoni mil-livelli ta' benefiċċju mwiegħda jew ippjanati;	
(d) l-għadd u l-evoluzzjoni ta' membri u benefiċjarji attivi;	
(e) indikaturi tal-effiċjenza operazzjonali, tal-konċentrazzjoni tar-riskju u tar-reżiljenza istituzzjonali.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tad-direttiva ma għandux ikun preskrittiv wisq dwar id-dettalji tad-djalogu superviżorju.

Emenda 532
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b) ikun ibbażat fuq sett ta' parametri ta' twissija bikrija, inklużi mill-inqas dawn kollha li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-livell u l-evoluzzjoni tal-kostijiet amministrattivi, ta' tranżazzjoni u tal-investiment tal-IORP;	
(b) ir-rata netta u aġġustata għar-riskju tar-redditu fuq l-assi tal-IORP;	
(c) kwalunkwe nuqqas jew devjazzjoni mil-livelli ta' benefiċċju mwiegħda jew ippjanati;	
(d) l-għadd u l-evoluzzjoni ta' membri u benefiċjarji attivi;	
(e) indikaturi tal-effiċjenza operazzjonali, tal-konċentrazzjoni tar-riskju u tar-reżiljenza istituzzjonali.	

Or. en

Emenda 533
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-livell u l-evoluzzjoni tal-kostijiet amministrattivi, ta' tranżazzjoni u tal-investiment tal-IORP;	***imħassar***

Or. en

Emenda 534

Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rata netta u aġġustata għar-riskju tar-redditu fuq l-assi tal-IORP;	***imħassar***

Or. en

Emenda 535
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe nuqqas jew devjazzjoni mil-livelli ta' benefiċċju mwiegħda jew ippjanati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 536
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-għadd u l-evoluzzjoni ta' membri u benefiċjarji attivi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 537
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) indikaturi tal-effiċjenza operazzjonali, tal-konċentrazzjoni tar-riskju u tar-reżiljenza istituzzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 538
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-eżitu tad-djalogu superviżorju regolari jindika dgħufijiet jew nuqqasijiet possibbli, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistiednu lill-IORP ikkonċernata tikkunsidra għażliet strateġiċi li huma xierqa biex tissaħħaħ il-vijabbiltà fit-tul tagħha u t-twassil effettiv tal-benefiċċji tal-irtirar lill-membri u lill-benefiċjarji, inklużi miżuri li jtejbu l-iskalar operazzjonali, il-konsolidazzjoni, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 539
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti, jew meta jkun hemm prestazzjoni agħar minn dik mistennija kif imsemmi fl-Artikolu 41a(1), l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.	***imħassar***
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-IORP jadotta l-pjan imsemmi fl-ewwel subparagrafu u jissottomettih lill-awtorità kompetenti għal rieżami u approvazzjoni.	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tirrapporta perjodikament dwar l-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fl-ewwel subparagrafu u dwar kwalunkwe progress miksub fl-implimentazzjoni ta' dak il-pjan meta mitluba mill-awtorità kompetenti.	

Or. en

Emenda 540

Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti, jew meta jkun hemm prestazzjoni agħar minn dik mistennija kif imsemmi fl-Artikolu 41a(1), l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 541
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti***, jew meta jkun hemm prestazzjoni agħar minn dik mistennija kif imsemmi fl-Artikolu 41a(1),*** l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti

li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.

identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.

Or. en

Emenda 542
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti***, jew meta jkun hemm prestazzjoni agħar minn dik mistennija kif imsemmi fl-Artikolu 41a(1)***, l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti, l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.

Or. en

Emenda 543
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti***, jew meta jkun hemm prestazzjoni agħar minn dik mistennija kif imsemmi fl-Artikolu 41a(1)***, l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiġu identifikati nuqqasijiet sinifikanti, l-awtorità kompetenti tagħhom għandha teżiġi lill-IORP tfassal pjan għal azzjoni ta' rimedju li jistabbilixxi l-miżuri, l-iskedi ta' żmien u l-arranġamenti ta' governanza biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet sinifikanti identifikati jew dik il-prestazzjoni agħar minn dik mistennija. Tali pjan għandu jikkunsidra miżuri strutturali biex jitjiebu l-effiċjenza u l-ġestjoni tajba, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni possibbli, il-kooperazzjoni, l-akkomunament tal-assi jew l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tar-riżorsi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir konsegwenzjali wara t-tħassir propost tal-Artikolu 41a.

Emenda 544
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp amministrattiv, maniġerjali jew	***imħassar***

superviżorju tal-IORP jadotta l-pjan imsemmi fl-ewwel subparagrafu u jissottomettih lill-awtorità kompetenti għal riežami u approvazzjoni.

Or. en

Emenda 545
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORP tirrapporta perjodikament dwar l-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fl-ewwel subparagrafu u dwar kwalunkwe progress miksub fl-implimentazzjoni ta' dak il-pjan meta mitluba mill-awtorità kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 546
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 49a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti:	***imħassar***
(a) tiddokumenta l-eżitu ta' kull djalogu superviżorju regolari;	
(b) tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-IORP ikkonċernata.	

Ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità kompetenti li tadotta miżuri superviżorji vinkolanti.

Or. en

Emenda 547
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu –1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li tkun meħtieġa għall-finijiet tas-superviżjoni, filwaqt li jqisu l-objettivi tas-superviżjoni stabbiliti fl-Artikolu 45, il-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni stabbilit fl-Artikolu 46, u l-prinċipji ġenerali tas-superviżjoni stabbiliti fl-Artikolu 47, b'mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità.	L-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-IORPs jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li tkun ***strettament*** meħtieġa għall-finijiet tas-superviżjoni, filwaqt li jqisu l-objettivi tas-superviżjoni stabbiliti fl-Artikolu 45, il-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni stabbilit fl-Artikolu 46, u l-prinċipji ġenerali tas-superviżjoni stabbiliti fl-Artikolu 47, b'mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità.

Or. es

Emenda 548
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 1a – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jiksbu ***kwalunkwe*** informazzjoni dwar kuntratti li jsiru ma' partijiet terzi; u	(b) li jiksbu informazzjoni dwar kuntratti li jsiru ma' partijiet terzi ***li***

għandhom ikunu limitati għal attivitajiet ewlenin imwettqa mill-IORP; u

Or. en

Emenda 549
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt a
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafi -1b u -1c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-informazzjoni mitluba speċifikament għall-finijiet tad-djalogu superviżorju regolari msemmi fl-Artikolu 49(1b), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-frekwenza tar-rapportar regolari tikkorrispondi għall-frekwenza applikabbli skont dak l-Artikolu.* ***Fl-Istati Membri bi swieq tal-IORP żviluppati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-frekwenza u l-ambitu ta' tali talbiet regolari għal informazzjoni f'konformità mal-prattika komuni, id-dritt nazzjonali u valutazzjoni superviżorja bbażata fuq ir-riskju. Huma għandhom jevitaw rapportar doppju u għandhom jagħmlu użu, kull fejn ikun possibbli, mill-informazzjoni diġà disponibbli għalihom. ***L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu informazzjoni ad hoc addizzjonali meta dan ikun meħtieġ biex jinvestigaw riskju prudenzjali speċifiku u sostanzjat jew ksur suspettat.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-frekwenza differenzjata tad-djalogu superviżorju għandha tiġi riflessa wkoll fit-talbiet għal informazzjoni assoċjati. Inkella, is-swieq maturi jkomplu jiffaċċjaw ċiklu ta' rapportar armonizzat de facto minkejja li jitħallew jiddeterminaw il-frekwenza tad-djalogu nnifsu.

Emenda 550
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt i
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt d – punt vii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vii) il-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju msemmija fl-Artikolu 9;;	***imħassar***

Or. en

Emenda 551
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – Paragrafu 1 – Punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii) jiddaħħal il-punt (g) li ġej:	***(imħassar)***
"g) jeżiġu li l-IORPs jissottomettu regolarment mudelli kwantitattivi li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija fil-punti (c) u (d), inkluża l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet fdati lill-EIOPA skont dak ir-Regolament u skont din id-Direttiva;;"	

Or. es

Emenda 552
Anouk Van Brug, Engin Eroglu

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt ii

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jeżiġu li l-IORPs jissottomettu regolarment mudelli kwantitattivi li jispeċifikaw ***f'aktar dettall*** u jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija fil-punti (c) u (d), inkluża l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet fdati lill-EIOPA skont dak ir-Regolament u skont din id-Direttiva;	(g) jeżiġu li l-IORPs jissottomettu regolarment mudelli kwantitattivi li jispeċifikaw u jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija fil-punti (c) u (d), inkluża l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet fdati lill-EIOPA skont dak ir-Regolament u skont din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 553
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt ii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jeżiġu li l-IORPs jissottomettu regolarment mudelli kwantitattivi li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija fil-punti (c) u (d), inkluża l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet fdati lill-EIOPA skont dak ir-Regolament u skont din id-Direttiva;	(g) jeżiġu li l-IORPs jissottomettu regolarment mudelli kwantitattivi li jispeċifikaw f'aktar dettall u jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija fil-punti (c) u (d), inkluża l-informazzjoni ***dwar l-allokazzjoni tal-investiment skont il-klassi tal-assi, il-ġeografija u s-settur, u l-informazzjoni*** mitluba f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet fdati lill-EIOPA skont dak ir-Regolament u skont din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 554
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw ***annwalment*** lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom.

Or. en

Emenda 555
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – Paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw ***annwalment*** lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni***, meta jkun meħtieġ u proporzjonat għall-finijiet tas-superviżjoni prudenzjali,*** dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom.

Or. es

Emenda 556
Dirk Messner

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw annwalment lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-IORPs jirrapportaw annwalment lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar ir-redditi fuq l-investiment, netti mill-kostijiet tal-investiment, u l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba b'rabta mal-attivitajiet tagħhom ***u kif dan għandu impatt fuq il-valur attwali u projettat tal-benefiċċji għall-membri u għall-benefiċjarji***.

Or. en

Emenda 557
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jeżiġu lill-IORPs japplikaw approċċ ta' trasparenza, li jiżgura li jiġu inklużi l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba fil-livell ta' fondi ta' investiment, maniġers tal-assi u tranżazzjonijiet, u li jiġi applikat il-prinċipju tal-ebda netting.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu*** jeżiġu***, meta jkun meħtieġ u proporzjonat,*** lill-IORPs japplikaw approċċ ta' trasparenza, li jiżgura li jiġu inklużi l-kostijiet u l-imposti kollha mġarrba ***sa fejn tali informazzjoni tkun disponibbli għall-IORP jew tkun tista' tinkiseb mingħajr kost jew piż sproporzjonat,*** fil-livell ta' fondi ta' investiment, maniġers tal-assi u tranżazzjonijiet, u li jiġi applikat il-prinċipju tal-ebda netting.

Or. en

Emenda 558

Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – Paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali.	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 559
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li naqblu mar-rapport annwali propost mill-IORPs dwar il-kostijiet u r-redditi fuq l-investiment, aħna ma nappoġġawx l-introduzzjoni tal-istandards tekniċi tal-EIOPA. Tali standards jinterferixxu mal-prattiki ta' rapportar stabbiliti sew u li jiffunzjonaw tajjeb żviluppati matul għexieren ta' snin.

Emenda 560
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassra b'rabta man-natura ta' armonizzazzjoni minima tad-Direttiva IORP.

Emenda 561
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna ma nappoġġawx l-introduzzjoni tal-istandards tekniċi tal-EIOPA. Standards bħal dawn jinterferixxu ma' prattiki ta' rapportar li jiffunzjonaw tajjeb li ġew żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur.

Emenda 562
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters, Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali.	Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-EIOPA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar il-proċeduri, il-formati u l-mudelli, li għandhom, fejn applikabbli, jiddistingwu bejn il-pensjonijiet okkupazzjonali u dawk personali. ***Dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu, b'mod proporzjonat, l-informazzjoni meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti u l-EIOPA jkunu jistgħu jwettqu analiżi aggregata fl-Unjoni kollha ta' kif jinvestu l-IORPs, inkluż skont il-klassi tal-assi, l-iskopertura ġeografika u l-iskopertura settorjali, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn u ma jimponux pożijiet amministrattivi sproporzjonati fuq l-IORPs.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa data komparabbli dwar l-allokazzjoni tal-investiment tal-IORPs biex jiġi vvalutat kif it-tfaddil għall-irtirar jiġi investit fl-Unjoni, jekk jappoġġax eżiti tajbin għall-membri u għall-benefiċjarji u kif dawn jikkontribwixxu għal investiment produttiv fit-tul. Tali data tista' tgħin biex jiġi identifikat titjib fil-prattiki ta' investiment. Ir-rapportar għandu jkun proporzjonat, jitwassal permezz tal-awtoritajiet kompetenti u jintuża mill-EIOPA għal analiżi

aggregata, mingħajr duplikazzjoni jew divulgazzjoni ta' data sensittiva tal-portafoll. Ma għandux jimponi rapportar lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-analiżi tal-politika.

Emenda 563
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – Paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010..	***(imħassar)***

Or. es

Emenda 564
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 565
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 566
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li naqblu mar-rapport annwali propost mill-IORPs dwar il-kostijiet u r-redditi fuq l-investiment, aħna ma nappoġġawx l-introduzzjoni tal-istandards tekniċi tal-EIOPA. Tali standards jinterferixxu mal-prattiki ta' rapportar stabbiliti sew u li jiffunzjonaw tajjeb żviluppati matul għexieren ta' snin.

Emenda 567
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55 – punt b – punt iii
Direttiva (UE) 2016/2341

Artikolu 50 – Paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-proċeduri, il-formati u l-mudelli għall-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-prinċipju tal-proporzjonalità, il-prattiki superviżorji nazzjonali, il-karatteristiċi tas-sistemi tal-pensjonijiet nazzjonali u l-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' rekwiżiti oħra ta' rapportar nazzjonali jew tal-Unjoni.

Or. es

Emenda 568
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-IORP, l-awdituri tagħha u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess effettiv għad-data relatata ma' funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati, inkluża s-setgħa li jitolbu informazzjoni mingħand l-IORPs u mingħand il-fornituri tas-servizzi dwar funzjonijiet ewlenin esternalizzati jew kwalunkwe attività oħra fi kwalunkwe ħin;	(b) l-IORP, l-awdituri tagħha u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess effettiv għad-data relatata ma' funzjonijiet jew attivitajiet esternalizzati, inkluża s-setgħa li jitolbu informazzjoni mingħand l-IORPs u***, meta tali informazzjoni ma tkunx tista' tiġi pprovduta mill-IORP,*** mingħand il-fornituri tas-servizzi dwar funzjonijiet ewlenin esternalizzati jew kwalunkwe attività oħra fi kwalunkwe ħin;

Or. en

Emenda 569
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56

Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess effettiv għall-binjiet tan-negozju tal-fornitur tas-servizz u jridu jkunu kapaċi jeżerċitaw dawk id-drittijiet ta' aċċess.	(c) l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess effettiv għall-binjiet tan-negozju tal-fornitur tas-servizz ***meta jkun strettament meħtieġ għall-finijiet tas-superviżjoni*** u jridu jkunu kapaċi jeżerċitaw dawk id-drittijiet ta' aċċess.

Or. en

Emenda 570
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50a – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-punti a u b ta' dan il-paragrafu għandhom isiru biss wara konsultazzjoni mal-IORP rilevanti.

Or. en

Emenda 571
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 50a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-EIOPA għandha tkun intitolata tipparteċipa f'verifika fuq il-post meta ssir	***imħassar***

b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet superviżorji jew aktar.;

Or. en

Emenda 572
Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 51 – Paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c) jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:	***(imħassar)***
"4.	
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs.	
Għal kull skema tal-pensjoni u, fejn applikabbli, kull opzjoni ta' investiment, l-informazzjoni ppubblikata għandha tinkludi, mill-inqas:	
a) il-klassifikazzjoni tal-iskema skont il-profil tar-riskju;	
b) il-kostijiet u l-imposti totali rrapportati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 50(7), espressi bħala perċentwal annwali uniku tal-kontribuzzjonijiet totali tat-12-il xahar preċedenti; u	
c) il-prestazzjoni tal-imgħoddi għas-snin finanzjarji kompluti, inkluża l-aktar sena reċenti.	
L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punti (b) u (c), għandha tiġi pprovduta għal mill-inqas l-10 snin preċedenti jew, f'każijiet fejn l-iskema	

tkun ġiet ippruvduta għal inqas minn 10 snin, għas-snin finanzjarji kollha li għalihom tkun ġiet ippruvduta l-iskema.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni u t-tempestività tal-informazzjoni, u jiżguraw il-pubblikazzjoni tagħha mingħajr dewmien ladarba tali verifika tkun tlestiet."

Or. es

Emenda 573
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs***, meta l-membri u l-benefiċjarji jġorru riskju ta' investiment**. **Il-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni għandha tqis kif xieraq il-garanziji, il-kopertura kontra r-riskju bijometriku u l-obbligi ta' finanzjament tal-impriżi sponsor, sabiex jiġi evitat tqabbil qarrieqi bejn skemi ta' natura differenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tqabbil pubbliku tal-kostijiet mhux ipproċessati u tar-redditi huwa sinifikattiv biss meta l-membri jġorru r-riskju ta' investiment u jkunu jistgħu jaġixxu fuq l-informazzjoni. Applikat b'mod indiskriminat għal skemi definiti ta' benefiċċju u garantiti, dan jipproduċi klassifikazzjonijiet qarrieqa li jinjoraw il-garanziji, il-kopertura bijometrika u l-obbligi ta'

finanzjament tal-isponsors, u jirriskja li jippenalizza b'mod preċiż l-iskemi li joffru l-aktar protezzjoni b'saħħitha lill-membri.

Emenda 574
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs***, filwaqt li jipprovdu gwida u informazzjoni suffiċjenti għall-membri u għall-benefiċjarji biex jifhmu kif xieraq l-informazzjoni ppubblikata, u jevitaw interpretazzjoni ħażina***.

Or. en

Emenda 575
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw, fuq sit web pubbliku uniku, informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli dwar il-kostijiet annwali totali, il-prestazzjoni fl-imgħoddi u l-profil tar-riskju tal-iskemi tal-pensjoni kollha operati mill-IORPs ***li***

joperaw f'suq kompetittiv u li ma għandhomx kondiviżjoni tar-riskju kollettiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod alternattiv, dan il-paragrafu jista' jitħassar.

Emenda 576
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet u l-imposti totali rrapportati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 50(7), espressi bħala perċentwal annwali uniku ***tal-kontribuzzjonijiet*** totali ***tat-12-il xahar preċedenti***; u	(b) il-kostijiet u l-imposti totali rrapportati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mal-Artikolu 50(7), espressi bħala perċentwal annwali uniku ***tal-assi*** totali ***mmaniġġjati***; u

Or. en

Emenda 577
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57 – punt c
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni u t-tempestività tal-informazzjoni, u jiżguraw il-pubblikazzjoni tagħha mingħajr dewmien ladarba tali verifika tkun tlestiet.	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-preċiżjoni u t-tempestività tal-informazzjoni, u jiżguraw il-pubblikazzjoni tagħha mingħajr dewmien ladarba tali verifika tkun tlestiet.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu jiġu ssodisfati permezz ta' oqfsa nazzjonali ta' trasparenza eżistenti jew korpi kompetenti oħra, dment li jiżguraw informazzjoni ċara, komparabbli u faċilment aċċessibbli u jevitaw duplikazzjoni bla bżonn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'sistemi ta' pensjonijiet okkupazzjonali fejn l-iskemi huma marbuta ma' impjiegi, setturi jew ftehimiet kollettivi, il-membri jista' jkollhom possibbiltajiet limitati biex jagħżlu jew jibdlu l-iskemi. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' trasparenza għandhom jevitaw li joħolqu tqabbil qarrieq tal-prodotti u għandhom iqisu l-oqfsa nazzjonali eżistenti li diġà jipprovdu informazzjoni rilevanti u aċċessibbli.

Emenda 578
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 58
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 55a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(58) jiddaħħal l-Artikolu 55a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 55a	
Pjattaformi ta' kollaborazzjoni	
1. L-EIOPA tista', fil-każ ta' tħassib ġustifikat dwar effetti negattivi fuq il-membri u l-benefiċjarji, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' awtorità kompetenti rilevanti waħda jew aktar, tistabbilixxi u tikkoordina pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jekk IORP twettaq, jew tkun beħsiebha twettaq, attivitajiet transfruntieri fejn dawn l-attivitajiet huma ta' rilevanza fir-rigward tas-suq tal-Istat Membru ospitanti.	

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti li jistabbilixxu pjattaforma ta' kollaborazzjoni fejn dawn kollha jaqblu li jagħmlu hekk.

3. L-istabbiliment ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2 huwa mingħajr preġudizzju għall-mandat superviżorju tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti previst f'din id-Direttiva.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, fuq talba tal-EIOPA l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha fil-ħin.

5. Meta żewġ awtoritajiet kompetenti jew aktar ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni ma jaqblux dwar il-proċedura jew il-kontenut ta' azzjoni li għandha tittieħed, jew nuqqas ta' azzjoni, l-EIOPA, fuq talba ta' kwalunkwe awtorità kompetenti rilevanti jew fuq inizjattiva tagħha stess, tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jilħqu ftehim f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

6. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fi ħdan il-pjattaforma u fejn ikun hemm thassib serju dwar l-effetti negattivi fuq il-membri u l-benefiċjarji jew dwar il-kontenut ta' azzjoni, jew nuqqas ta' azzjoni, li għandha tittieħed fir-rigward ta' IORP, l-EIOPA tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biex tniedi spezzjoni in situ tal-IORP. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tniedi l-verifika fuq il-post mingħajr dewmien u għandha tistieden lill-EIOPA u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn ikkonċernati biex jipparteċipaw fiha.";"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet eżistenti diġà jipprovdu bażijiet legali adegwati għall-iskambju ta' informazzjoni, il-koordinazzjoni tal-NCA, il-medjazzjoni tal-EIOPA, u l-ispezzjonijiet konġunti fuq il-post fir-rigward tal-IORPs transfruntieri. L-Artikolu 55a ma jżid l-ebda kapaċità operazzjonali; dan jittrasferixxi awtorità istituzzjonali lill-EIOPA mingħajr ħtieġa murija.

Emenda 579
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 58
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 55a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-EIOPA tista', fil-każ ta' tħassib ***ġustifikat dwar effetti negattivi fuq il-membri u l-benefiċjarji***, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' awtorità kompetenti rilevanti waħda jew aktar, tistabbilixxi u tikkoordina pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jekk IORP twettaq, jew tkun beħsiebha twettaq, attivitajiet transfruntieri fejn dawn l-attivitajiet huma ta' rilevanza fir-rigward tas-suq tal-Istat Membru ospitanti.	1. L-EIOPA tista', fil-każ ta' tħassib ***speċifiku u prudenzjali sostanzjat jew riskji transfruntieri materjali***, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' awtorità kompetenti rilevanti waħda jew aktar, tistabbilixxi u tikkoordina pjattaforma ta' kollaborazzjoni biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u ttejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jekk IORP twettaq, jew tkun beħsiebha twettaq, attivitajiet transfruntieri fejn dawn l-attivitajiet huma ta' rilevanza fir-rigward tas-suq tal-Istat Membru ospitanti.

Or. en

Emenda 580
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 58a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 55a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1a. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti, l-EIOPA għandha teżerċita s-setgħat tagħha fuq inizjattiva proprja skont dan l-Artikolu b'mod immirat u proporzjonat.

L-EIOPA tista' teżerċita koordinazzjoni u monitoraġġ superviżorji msaħħa fuq inizjattiva tagħha stess meta:

a) is-suq tal-IORPs tal-Istat Membru kkonċernat ma jkunx żviluppat jew ma jkunx żviluppat biżżejjed, filwaqt li titqies il-kopertura tal-pensjoni okkupazzjonali, l-assi mmaniġġjati, l-għadd u d-diversità tal-IORPs u l-maturità tal-qafas superviżorju nazzjonali; jew

b) Matul il-ħames snin preċedenti, l-EIOPA identifikat nuqqasijiet materjali fil-kapaċità tal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti li tissorvelja l-IORPs b'mod effettiv u dawk in-nuqqasijiet ma ġewx rimedjati b'mod adegwat.

Fi Stati Membri bi swieq tal-IORP żviluppati li fihom ma jkun ġie identifikat l-ebda nuqqas superviżorju materjali bħal dan, l-involviment tal-EIOPA għandu jkun limitat għall-koordinazzjoni mitluba mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti, il-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni f'każijiet ġenwinament transfruntieri u l-eżerċitar tas-setgħat espressament previsti fir-Regolament (UE) Nru 1094/2010.

L-ebda ħaġa f'dan l-Artikolu ma għandha tittrasferixxi s-superviżjoni diretta tal-IORPs individwali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-EIOPA.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżorsi u s-setgħat ta' koordinazzjoni msaħħa tal-EIOPA għandhom ikunu ffukati fuq swieq li fihom il-pensjonijiet okkupazzjonali u s-superviżjoni nazzjonali għadhom qed jiżviluppaw jew meta qabel ikunu ġew identifikati nuqqasijiet superviżorji konkreti. Swieq maturi u

sorveljati b'mod effettiv għandhom jibqgħu primarjament taħt superviżjoni nazzjonali, f'konformità mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Emenda 581
Auke Zijlstra, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 59
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 59 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-EIOPA għandha teżamina f'rapport, u tinforma lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ppubblikati mill-Istati Membri kif imsemmi f'dan l-Artikolu fil-kuntest tal-funzjonament xieraq ta' din id-Direttiva u tas-suq intern qabel [PO = jekk jogħġbok daħħal 6 xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva].;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-liġi soċjali u tax-xogħol hija kompetenza nazzjonali, li għalhekk ma tappartjenix għall-mandat tal-EIOPA.

Emenda 582
Anouk Van Brug, Engin Eroglu, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 59
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 59 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-EIOPA għandha teżamina f'rapport, u tinforma lill-Kummissjoni dwar ir-regoli ppubblikati mill-Istati Membri kif imsemmi f'dan l-Artikolu fil-kuntest tal-funzjonament xieraq ta' din id-Direttiva u tas-suq intern qabel [PO =	***imħassar***

jekk jogħġbok daħħal 6 xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva].;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din tidher li tissuġġerixxi li l-EIOPA twettaq valutazzjonijiet tal-liġi soċjali u tax-xogħol nazzjonali. Peress li l-liġi soċjali u tax-xogħol jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali, ma narawx il-valur miżjud ta' rapport tal-EIOPA f'dan il-qasam.

Emenda 583
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 59a (ġdid)
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 60a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(59a) jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:
	Artikolu 60a
	Kumitat ta' Monitoraġġ
	Għandu jiġi stabbilit kumitat ta' monitoraġġ għall-miżuri tal-pensjonijiet Ewropej fil-livell Ewropew, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u s-sħab soċjali, bħall-industrija, il-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti, sabiex:
	a) ikun jista' jimmonitorja b'mod effettiv u strett l-evoluzzjoni tal-miżuri implimentati u l-impatt fuq l-objettivi fundamentali: jiżdied l-introjtu tal-persuni rtirati fl-Ewropa,
	b) jikkoordina l-implimentazzjoni u jivvaluta l-impatt tal-implimentazzjoni tad-Direttiva IORP u r-Rakkomandazzjonijiet dwar is-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet, id-dashboards tal-pensjonijiet u l-awtoreġistrazzjoni,
	c) u jivvaluta l-impatt tal-pensjonijiet supplimentari abbażi ta' sett ta' indikaturi

soċjali stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea.

Bidliet regolatorji futuri jew proposti tal-Kummissjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-ħidma ta' dan il-Kumitat, li għandu jirrapporta wkoll lis-Semestru Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kumitat għandu jitmexxa mid-DĠ FISMA u mid-DĠ EMPL. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jieħu sehem ukoll.

Or. en

Emenda 584
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-punt sa fejn din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-introduzzjoni u l-iżvilupp tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u supplimentari fl-Istati Membri, b'enfasi speċifika fuq l-Istati Membri b'sistemi ta' pensjonijiet supplimentari sottożviluppati, inklużi ħarsa ġenerali u valutazzjoni tal-ostakli ewlenin li jipprevjenu l-introduzzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' dawn is-sistemi;

Or. en

Emenda 585
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 62 – paragrafi 1a u 1b (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta Stat Membru ma japplikax din id-Direttiva għall-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 li joperaw fuq bażi ffinanzjata, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-EIOPA dwar il-mod li bih il-protezzjoni tal-membri u tal-benefiċjarji ta' dawk l-istituzzjonijiet hija żgurata b'mod ieħor u ssorveljata b'mod adegwat, inkluż kif jinkiseb livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak segwit minn din id-Direttiva.* ***L-EIOPA għandha tippubblika ħarsa ġenerali perjodika tal-informazzjoni riċevuta skont dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 586
Damian Boeselager

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 62 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-ostakli li fadal relatati mat-taxxa u ostakli oħra għall-attivitajiet transfruntieri u għat-trasferimenti transfruntieri

Or. en

Emenda 587
Jonás Fernández, César Luena

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 62 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt ta' espansjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet supplimentari fuq l-indikaturi soċjali ewlenin definiti mill-Kummissjoni. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-effetti tal-interazzjoni bejn l-iskemi tal-pensjonijiet pubbliċi, okkupazzjonali u individwali.

Or. en

Emenda 588
Dirk Messner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 61
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 64a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(61) jiddaħħal l-Artikolu 64a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 64a	
Eżerċizzju ta' delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(7) u fl-Artikolu 38(6) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [PO: Jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ].	
3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 17(7) u fl-Artikolu 38(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew	

f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17(7) u l-Artikolu 38(6) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.".

Or. en

Emenda 589
Markus Ferber, Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 61
Direttiva (UE) 2016/2341
Artikolu 64a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega ta' setgħat imsemmija ***fl-Artikolu 17(7) u*** fl-Artikolu 38(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 38(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tinqara flimkien mat-tħassir propost tal-Artikolu 17(7).

Emenda 590
Martin Schirdewan

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2016/97
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) "prodott tal-pensjoni personali" tfisser prodott tal-pensjoni personali kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*."	***imħassar***

Or. en

Emenda 591
Auke Zijlstra

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva (UE) 2016/97
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) **'**sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet**'** tfisser għodda diġitali***, tipikament portal web jew applikazzjoni għall-apparati mobbli siguri,*** li tipprovdi lill-individwi b'ħarsa ġenerali lejn l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati individwali tagħhom***, u l-projezzjonijiet tal-benefiċċji futuri***, fost l-iskemi tal-pensjoni li l-individwu jkun membru jew benefiċjarju tagħhom.	(20) **"**sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet**"** tfisser għodda ***nazzjonali, settorjali jew privata*** diġitali li tipprovdi lill-individwi b'ħarsa ġenerali lejn l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati individwali tagħhom ***u l-benefiċċji projettati***, fost l-iskemi tal-pensjoni li l-individwu jkun membru jew benefiċjarju tagħhom.

Or. en

Emenda 592
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Lara Wolters

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: xejn
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva (UE) 2016/97
Artikolu 22 – paragrafi 6a u 6b (ġodda)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri prospettivi, il-membri u l-benefiċjarji tal-arranġamenti tal-pensjoni okkupazzjonali jirċievu, bħala minimu, l-informazzjoni stabbilita fl-Artikoli 36 sa 44 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, meta l-forniment ta' tali arranġamenti jaqa' taħt ir-responsabbiltà tad-distributur tal-assigurazzjoni.
	6b. Meta d-distributuri tal-assigurazzjoni diġà jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 2009/138/KE, li jiżguraw livell ekwivalenti ta' informazzjoni u protezzjoni, dawk ir-rekwiżiti għandhom jitqiesu li jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan il-paragrafu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkunx meħtieġ li l-informazzjoni tiġi pprovduta f'żewġ kopji u jistgħu jippermettu l-integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni f'qafas ta' divulgazzjoni uniku u koerenti.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'diversi Stati Membri, is-sħab soċjali għandhom rwol ċentrali fid-determinazzjoni kemm tal-kontenut kif ukoll tat-twassil tal-informazzjoni lill-membri u lill-benefiċjarji. Dan ir-rwol diġà huwa rikonoxxut fl-Artikolu 20(2) tad-Direttiva IORP II għall-iskemi tal-pensjoni ġestiti mill-IORPs. Meta d-distributuri tal-assigurazzjoni jsiru soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni tal-IORP II, il-qafas tal-IDD għandu bl-istess mod jippermetti li jitqiesu l-arranġamenti nazzjonali li jinvolvu s-sħab soċjali.

Emenda 593
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva (UE) 2016/97
Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-paragrafu 6 għandu japplika mingħajr ma jaffettwa r-rwol jew il-kompetenzi tas-sħab soċjali fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lill-membri prospettivi, lill-membri u lill-benefiċjarji, meta l-miżuri nazzjonali rilevanti kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u jipprovdu livell ekwivalenti ta' informazzjoni u trasparenza.

Or. en

Emenda 594
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva (UE) 2016/97
Artikolu 22a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità ma'*** dan l-Artikolu ***u jieħdu miżuri korrettivi meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jew l-intermedjarji tal-assigurazzjoni ma jipprovdux informazzjoni*** kompluta, preċiża jew f'waqtha.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti ***jkollhom sorveljanza xierqa tal-applikazzjoni ta'*** dan l-Artikolu***. Tali sorveljanza tista' tinkludi l-iffaċilitar tal-konformità u, meta jkun meħtieġ, l-involviment mal-IORPs bil-ħsieb li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet meta l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta*** kompluta, preċiża jew f'waqtha. ***B'deroga,*** ***l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li r-rwol tal-awtoritajiet kompetenti skont dan l-Artikolu ma japplikax, jew japplika b'mod modifikat, fir-rigward tas-sistemi nazzjonali ta' traċċar tal-pensjonijiet***

stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, dment li tali sistemi jiżguraw livell ekwivalenti ta' informazzjoni u trasparenza għall-membri u l-benefiċjarji.

Or. en

Emenda 595
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva (UE) 2016/97
Artikolu 22a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-format u l-istruttura tal-informazzjoni li trid tiġi trażmessa lis-sistemi ta' traċċar tal-pensjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-Artikolu 29..	***imħassar***

Or. en